Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 152 / 2019

Il-Pulizija

Spettur Anthony Portelli

Spettur Fabian Fleri

Vs

Said Bouslama

Illum 21 ta' Jannar, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Said Bouslama detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 436993 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Gewwa San Pawl il-Bahar nhar it-2 ta' Dicembru 2009 ghall-habta tal-5:00 ta' filghaxija:

1. flimkien ma' persuna ohra, dolozament, bil-hsieb li jaghmel delitt u cioé li minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Anaclet Kumbi

f'periklu car, permezz ta' strument li jaqta' u jniggez, ikkaguna feriti gravi ikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Anaclet Kumbi skont kif iccertifika Dott. Jurgen Gatt MD tal-Casualty Department ta' l-iSptar Mater Dei;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi irrenda ruhu komplici ma' persuna ohra f'serq ikkwalifikat bil-vjolenza ghad-detriment ta' l-imsemmi Anaclet Kumbi;

3. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bla ordni skont il-ligi ta' lawtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm, jew issekwestra lil xi persuna u cioé lil imsemmi Anaclet Kumbi kontra l-volonta' tieghu;

4. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi fil-hin li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna kellu fuq il-persuna tieghu arma regolari cioé strumenti li jaqtghu u bil-ponta (sikkina);

5. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi huwa zamm u garr strument li jaqta' u bil-ponta (sikkina) minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

6. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hebb kontra l-persuna ta' limsemmi Anaclet Kumbi sabiex jingurjah, idejjqu jew jaghmillu hsara;

7. kiser il-provediment ta' sentenza ta' tliet (3) xhur prigunerija sospiza ghal tliet (3) snin moghtija lilu fil-11 ta' Mejju 2007 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dott. Saviour Demicoli LL.D., liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba li, f'kaz ta' htija, titratta lill-imputat bhala li sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati, Magistrat Dott. Audrey Demicoli LL.D. datata 2 ta' April 2008, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (a fol. 123) datata 16 ta' Awwissu, 2010 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

(a) fl-Artikoli 214, 216(1)(b), 217 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) fl-Artikoli 261(a), 262(1)(a),(b) u 274(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(c) fl-Artikoli 86, 87(1)(b)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(d) fl-Artikoli 6 u 55 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

(e) fl-Artikoli 28B, 28C, 28D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(f) fl-Artikoli 17, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tat-30 ta' Settembru 2010 (a fol. 125), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fis-16 ta' Awwissu 2010 (a fol. 123) u rat

ukoll dak li gie verbalizzat fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2018 (a fol. 239) fejn il-Qorti kif preseduta stiednet lill-Prosekuzzjoni u lid-difiza jiehdu konjizzjoni ta' dak li gie verbalizzat fis-seduta tat-30 ta' Settembru 2010 (a fol. 125) quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta, f'liema seduta (cioé dik tal-10 ta' Mejju 2018 – a fol. 239), il-Prosekuzzjoni u d-difiza rrikonoxxew li fis-seduta tat-30 ta' Settembru 2010 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja tant li kemm il-Prosekuzzjoni u d-difiza rrinunzjaw ghal kwalunkwe eccezzjoni li l-verbal tat-30 ta' Settembru 2010 seta' johloq f'dawn il-proceduri.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-16 ta' Mejju, 2019, fejn il-Qorti filwaqt li astjenit milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-sitt (6) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat, ma sabitx lill-imputat hati tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjoni addebitati fil-konfront tieghu u talli rrenda ruhu recidiv ai termini ta' Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u b'hekk illiberatu minnhom, wara li rat l-Artikoli 28B, 49, 214, 216(1)(b) u 217 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 6 u 55 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Said Bouslama hati tal-ewwel (1), tar-raba' (4), tal-hames (5), u tas-seba' (7) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u kif ukoll talli rrenda ruhu recidiv ai termini ta' Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 ta' Malta u ikkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) u, filwaqt li gabet fis-sehh is-sentenza ta' tliet (3) xhur prigunerija li kienet giet sospiza ghal tliet (3) snin[1], ikkundannat lill-imputat ghal perijodu iehor ta' disa' (9) xhur prigunerija, biex b'hekk l-imputat ikun gie globalment kundannat ghal perjodu ta' tnax (12)-il xahar prigunerija.

Finalment, peress illi l-Qorti hi tal-fehma li, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, fir-rigward ta' dak li xehdu Geoffrey Borg u Paul Washimba u li setghu rrendew lilhom innifshom hatja ta' spergur fi proceduri kriminali, ordnat lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jaghmel l-investigazzjonijiet opportuni u fl-

[1] Dok. "AP 1" – a fol. 93 et seq..

eventwalita' li jirrizultawlu provi sufficjenti jiehu dawk il-proceduri ulterjuri kontra Geoffrey Borg u Paul Washimba li jkunu opportuni u ordnat li kopja ta' din is-sentenza tigi minnufih komunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija u lill-Avukat Generali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' l-akkuzat Said Bouslama, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-27 ta' Mejju, 2019, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata u dana billi:

1. Tikkonferma fejn astjeniet milli tiehu konjizzjoni tas-sitt imputazzjoni;
2. Tikkonferma fejn ma sabitx lill-esponenti hati tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni;
3. Thassarha in kwantu sabet lill-esponenti hati tal-ewwel, tar-raba', tal-hames u tas-seba' imputazzjoni u tiddikjarah mhux hati ta' tali imputazzjonijiet; u
4. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, u b'mod sussidjarju, fl-eventwalita' li tikkonferma l-htija kif inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti, li tibdel il-piena mposta, b'piena aktar ekwa u gusta ghall-kaz odjern.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Said Bouslama huma s-segwenti u cioè:-

Illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

A. Dwar il-Kredibilita' tal-Parti Leza u l-Identifikazzjoni tal-Esponenti

Permezz tas-sentenza appellata, l-ewwel Onorabbli Qorti kkonkludiet illi:

"Illi minkejja li din il_Qorti ma ghexietx il-process kollu ta' dan il-kaz, mill-atti processwali, b'mod partikolari mid-deposizzjoni tax-xhieda kif moghtija mid-diversi persuni li gew imressqa f'dawn il-proceduri, il-Qorti tqies li l-verzjoni moghtija mill-allegat vittma Anaclet Kumbi ghandha mis-sewwa, u cioe li l-impuat li kien ferieh u li l-imputat ghamel dak li Kumbi qal li ghamel … Dan qieghed jinghad wara li gie kkunsidrat dak kollu li nghad hawn fuq u minhabba li d-deposizzjoni ta' Anaclet Kumbi hija aktar cara u konsistenti…"

Bl-ikbar dovut rispett imma l-esponenti ma jista' qatt jaqbel ma tali dikjarazzjoni.

Kif jemergi bic-car minn qari akkurat tas-sentenza appellate u kif fuq kollox argumentat il-Prosekuzzjoni quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti permezz tan-nota ta' sottomissjonijiet taghha, il-kaz kollu tal-Prosekuzzjoni huwa effettivament ibbazat fuq il-verzjoni illi ta l-parti leza Anaclet Kumbi.

Ghaldaqstant fid-dawl tas-su espost, l-esponenti qieghed jaghmel referenza ghall-artikolu 638(2) tal-Kodici Kriminali, li ghal kull buon fini qieghed jigi hawn citat:

"B'dan kollu, f'kull kaz, ix-xhieda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ippruvat minn zewg xhieda jew aktar".

Illi ghalkemm huwa veru li l-Qorti tista'tibbaza l-gudizzju taghha fuq ix-xhieda ta' xhud wiehed, madanakollu dan ikun possibbli JEKK:

i. Id-deposizzjoni tal-imsemmi xhud tkun wahda li ma thalli l-ebda dubju f'mohh il-gudikant;

ii. Jekk jithalla xi dubju; jingiebu aktar provi li jsostnu l-istess deposizzjoni u jeliminaw kwalunkwe dubju;

iii. F'kaz li d-dubju ma jigix meghlub, a bazi tal-massima legali 'in dubio pro reo' tali dubju ghandu jigi interpretat favur l-akkuzat.

In oltre l-artikolu 637 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula illi:

637. L-eċċezzjonijiet dwar waħda jew oħra mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 630, 633 u 636, jolqtu biss il-kredibbiltà tax-xhud, u fuq din, id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' mingħandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ

Meta wiehed jifli d-deposizzjoni tal-parti leza Anaclet Kumbi ta' nhar id-29 ta' Dicembru, 2009 u janalizzaha fid-dawl tax-xhieda ta' PS914 Ivan Mifsud ta' nhar l-24 ta' Frar, 2010 u tal-Ufficjal Prosekutur l-ispettur Anthony Portelli tal-istess gurnata, wiehed jinnota illi ghalkemm il-kaz tal-Prosekuzzjoni huwa bbazzat kollu kemm hu fuq dan ix-xhud; tali xhieda hija altru milli univoka, imma l-oppost u cioe' mibnija u mghobbija b'kontradizzjonijiet.

Is-segwenti huma fost l-inkonsistenzi u l-kontradizzjonijiet kollha illi jemergu mix-xhieda tal-parti leza:

1. Primarjament il-parti leza jilmenta illi allegatament l-esponenti ferieh "ma mniehru, man-nostir.. u imbaghad hdejn widnejja.." Din l-allegazzjoni ix-xhud matul id-deposizzjoni tieghu jirrepetiha ghal darba tnejn, tlieta. Tant hu hekk illi x-xhud jsostni illi "hdejn imniehr[u] ghamill[u] 4 punti. Imbaghad f'widnej[h] giet tabiba u gham[litlu] 8 punti f'widnejja"

Madanakollu l-provi prodotti juru mod iehor. Qieghda ssir referenza ghac-certifikat mediku mahrug minn Dr Jurgen Gatt u pprezentat mill-ufficjal

Prosekutur nhar id-29 ta' Dicembru, 2009 a fol. 18 tal-atti processwali. Meta wiehed jara tali certifikat jirrizulta bl-iktar mod car illi, ghalkemm il-parti leza ghal darba, tnejn, tlieta u erbgha ilmenta illi kien qala daqqa ta' sikkina hdejn imniehru u xoftu, madanakollu dan mhux minnu, tant u hekk illi l-istess tabib illi ezamina lix-xhud dak in-nhar tal-incident ccertifika illi ma kien hemm l-ebda ferita hdejn ix-xoffa u/jew l-imnieher izda kulma ra kienet ferita hdejn il-widna u ohra fuq il-haddejn ta' Kumbi. Min fejn giet il-ferita illi allegatament qal li sofra l-parti leza bejn imniehru u halqu ma tirrizulta minn imkien!

2. Anomalija ohra li temergi mix-xhieda tal-parti leza hija dwar jekk tali xhud kienx jaf lill-esponenti, qabel it-2 ta' Dicembru, 2009. Fil-waqt li fid-deposizzjoni tieghu quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti meta mistoqsi mill-Qorti dwar jekk kienx jaf lill-appellant, dak iz-zmien imputat, qabel l-aggressjoni - ix-xhud wiegeb ghal darba darbtejn :

"Qorti: Din il-persuna li qed jindika fl-awla li skond hu ferietu, kien jafha qabel?

Inter: Le. Jiena l-ewwel darba li rajtha kien meta din il-persuna ferietni.

Qorti: Cert li lil din il-persuna ma jafhiex?

Inter: Le Jiena l-ewwel darba li rajtha meta kien hemm l-aggressjoni"

Sabiex dina l-Onorabbli Qorti tifhem dak li stqarr ix-xhud dwar il-konoxxenza tal-appellant odjern qabel tali incident u kif tali dikjarazzjoni hija wahda li tohloq anomalija, jehtieg li ssir referenza ghax-xhieda ta' PS914 Ivan Mifsud ta' nhar l-24 ta' Frar, 2010 fejn l-imsemmi ufficjal tal-Pulizija isostni illi l-parti leza kien qallu li l-imputat kien joqghod fi Triq il-Hgejjeg, San Pawl il-Bahar.

L-esponenti jistaqsi kif jista' qatt jinghad illi x-xhieda ta' Kumbi hija wahda kredibbli u ghandha mis-sewwa meta l-verzjoni tal-istess xhud kienet qieghda tigi kontinwament mibdula ghall-konvenjenza tieghu?

Bl-ikbar dovut rispett imma liema hija l-verzjoni li ghandha mis-sewwa? Kien jafu jew ma kienx jafu qabel lill-esponenti? U jekk ghall-grazzja tal-argument u ghall-grazzja tal-argument biss kellna noqghodu fuq il-verzjoni li ta fuq il-pedana tax-xhieda u nemmnu li effettivament ma kienx jafu qabel lill-imputat, kif jista' jkun kien jaf fejn joqghod? U jekk min-naha l-ohra kellna nistriehu fuq dak li qal a tempo vergine lis-Surgent Ivan Mifsud, ossia li kien jaf li l-imputat joqghod fi Triq il-Hgejjeg, ghalfejn ix-xhud ghazel li jbiddel il-verzjoni tieghu fuq il-pedana tax-xhieda?

Sal-gurnata tal-lum, it-twegiba ghal dawn il-mistoqsijiet ghadha misteru!

3. Misteru u kunflitt iehor li jemergi mix-xhieda tal-parti leza huwa dwar kif l-istess vittma irnexxielu jasal u jidentifika lill-esponenti bhala l-aggressur tieghu u cioe il-persuna li ferietu f'wiccu.

Fil-fatt fuq il-pedana tax-xhieda, Kumbi jghid illi "ftit jiem wara, jiena ergajt ghaddejt minn fejn kont aggredit peress li jiena l-kulur ta' din il-karozza baqa' vivid f'mohhi, hadt in-numru tal-karozza…ergajt ghaddejt l-ghassa tal-Qawra u tajthom wkoll jiena n-numru tal-karozza" Meta gie mistoqsi mill-Qorti dwar il-fatt illi jezistu diversi Pajero b'dak il-kulur, kif gharaf illi kienet l-istess wahda involuta fl-aggressjoni tieghu, ix-xhud iwiegeb "Ghax jiena bqajt niftakar, jiena gharaft il-persuna, kelli d-dettalji tal-incident f'mohhi u jiena naf dak il-kulur blu li kien l-istess"

Madanakollu lanqas din l-affermazzjoni, ossia li gharaf il-persuna, ma taghmel sens ghax meta mistoqsi mill-Qorti jekk meta jiem wara ra l-istess vettura, kienx hemm persuna go fiha jew kienet wieqfa, ix-xhud irrisponda "Ma kien hemm hadd fiha"

U allura l-esponenti jistaqsi, jekk huwa wasal ghall-appellant mill-karozza tieghu u jekk hdejn l-istess vettura ma kien hemm hadd, kif jista' jkun li gharaf lill-imputat?

Il-borma tkompli tithawwar meta PS 914 Ivan Mifsud fid-deposizzjoni tieghu jmeri dak kollu li stqarr Kumbi fuq il-pedana tax-xhieda. Is-Surgent involut fl-investigazzjoni tal-kaz, bl-ebda mod u manjiera ma jghid illi Kumbi kien gharaf lill-imputat mill-vettura tieghu izda sahansitra jinforma l-Qorti illi "Combi mar l-ghassa tal-Qawra u sab kollegi tieghi u qalilhom li lill-imputat gharfu, joqghod fi Triq il-Hgejjeg, rah diehel go 35, Josephine Flats, Triq il-Hgejjeg, San Pawl il-Bahar."

U jekk veru Kumbi gharaf lill-appellant meta kien diehel f'tali indirizz, ghalfejn fuq il-pedana tax-xhieda Kumbi ghazel li jbiddel il-verzjoni u jghid illi gharaf lill-imputat mill-vettura tieghu meta ma kien hemm haddgewwa l-istess vettura? Kif jista' qatt jinghad illi x-xhieda ta' Kumbi hija wahda veritiera u kredibbli?

4. Kuntrast iehor mix-xhieda ta' Kumbi huwa dwar kemm insterqulu flus minn fuqu waqt il-mument tal-aggressjoni. Fil-waqt li fuq il-pedana tax-xhieda ghazel li jghidilna illi fuqu kellu ghoxrin Euro (€20) madanakollu lill-Pulizija a tempo vergine ghazel li jghidilhom illi nsterqu minn fuqu tletin Euro (€30) u mhux ghoxrin.

Fil-fatt kemm Ps 914 jikkonferma illi l-vittma kien qalilhom illi nsterqu minn fuqu tletin Euro kif ukoll l-Ufficjal Prosekutur l-ispettur Anthony Portelli jikkonferma dan .

Liema verzjoni ghandu mis-sewwa ghad irridu niskopru?

5. Minkejja dawn il-kunflitti u d-divergenzi kollha fix-xhieda u l-verzjonijiet li ta l-parti leza, l-ikbar kunflitt jirrigwardja l-identifikazzjoni tat-tielet persuna illi allegatament kien prezenti waqt l-aggressjoni.

Fil-fatt fuq il-pedana tax-xhieda, Kumbi jsostni illi "it-tielet persuna qatt ma harget mill-karozza. Dejjem baqghet gol-karozza…Id-dettalji tal-wicc tat-tielet persuna jiena ma niftakarhomx"

Madanakollu dan huwa diametrikament oppost ghal dak illi qal lis-Surgent u lis-Spettur a tempo vergine. Fil-fatt lis-Surgent, mhux talli qallu li t-tielet persuna baqghet gol-karozza izda qallu li minn gewwa l-Mitsubishi Pajero "nizlu tliet irgiel ta' Nazzjonalita Gharbija minnu u qabdu jaghtuh ghal xejn b'xejn" Il-kredibilita' tax-xhud tkompli titnaqqar meta wiehed jara l-verzjoni illi l-istess xhud ta lill-Ispettur. Fil-fatt lill-Ispettur, Kumbi mhux talli qallu li t-tielet persuna nizlet minn gewwa l-vettura izda qallu li "it-tielet persuna stajt nara li kellu madwar 50 sena u kellu lehja bajda u xaghru qasir skur u liebes gakketta bajda u blu u jeans blu"

Ghal darb ohra l-esponenti jistaqsi, fid-dawl ta' dawn il-kunflitti kollh, kif jista' qatt jinghad illi x-xhieda ta' Kumbi u s-suppost identifikazzjoni tal-appellant hija wahda kredibbli u li a bazi taghha l-ewwel Onorabbli Qorti setghet issib htija?

Jekk wiehed jara dawn il-kunfliggenzi kollha, wiehed immedjatament jintebah illi x-xhud kien selettiv ferm f'dak li ghazel biex jghid fuq il-pedana tax-xhieda u dak li ma riedx jghid ghazel li ma jghidux u konsegwentament ibiddel il-verzjoni tieghu. Bhalma kien selettiv ferm meta gie biex jixhed dwar it-tielet persuna u l-involviment tal-istess persuna u minflok ghazel li jimla l-vojt b'involviment fittizju tal-appellant u jghabbi l-htija fuq l-esponenti.

Dan qieghed jinghad anke fid-dawl tal-fatt illi a tempo vergine Kumbi qal lill-Pulizija illi dak li aggredieh "kellu gilda bajdanija" meta kif ser ikollha l-opportunita tara dina l-Onorabbli Qorti, l-esponenti huwa altru milli bajdani!!

Fid-dawl tas-su espost, l-esponenti jemmen bis-shih illi x-xhieda tal-parti leza ma hija xejn kredibbli u l-ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt ssejjes il-gudizzju taghha fuq tali xhieda.

B. Dwar il-Ferita Gravi

Dan l-aggravju qieghed jingieb 'il quddiem minghajr pregudizzju ghall-aggravju precedenti

Illi permezz tas-sentenza kkontestata, l-ewwel Onorabbli Qorti kkonkludiet illi:

"Dr Gatt xehed li ezamina lil Kumbi fit-2 ta' Dicembru, 2009 fejn jirrizulta li kellu laceration ta' 2cm over the cheek u kif ukoll laceration fil-widna tax-xellug. Spjega li fl-opinjoni tieghu dawn il-griehi setghu gew kagunati b'xi haga sharp. Huwa kklassifika l-girehi bhala gravi peress li setghu jhallu marka permanenti fil-wicc"

Illi lil hinn minn dak li xehed Kumbi u min effettivament kien qieghed igorr sikkina u effettivament fera lil Kumbi, l-esponenti jishaqq illi mhux kull ferita li tkun fil-wicc iggib mankament u/jew sfregju u konsegwentament mhux kull ferita illi tkun fil-wicc ghandha tigi kklassifikata bhala gravi.

L-esponenti jaghmel referenza ghal sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) dak iz-zmien ippreseduta mill-Magistrat C. Scerri Herrera, illum Imhallef, fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Amanda Abela' deciza nhar is-27 ta' Gunju, 2017 fejn irrizulta illi l-vittma kien qieghed isofri minn qasma ón the left side' fuq il-forehead u kellu bzonn tlett punti, kellu wkoll girfa fuq in-naha leminija ta'ghajnejh u kellu girfa fuq imniehru.

"Illi pero' din il-Qorti marret pass oltre u nnominat eseprt fid-dermatologija u cioe' lil Dr. Eileen Borg fit-3 ta' Marzu 2015 u dana sabiex tezamina lil Anthony

Curmi. Ikkonfermat li Anthony Curmi garrab ferita lacero-contusa fuq in-naha tax-xellug ta' mohhu ezatt mal-hair line. Spjegat "illi l-ferita li kellu Curmi fuq in-naha tax-xellug ta' mohhu, bilkemm kienet tidher ghax hija kulur normali tal-gilda. Hija f'forma ta' linja irqiqa u twila centimetru. Biex taraha trid tavvicina hafna lejha". Ghalhekk hija kklasifikat il-gerha li garrab Anthony Curmi bhala wahda ta' natura hafifa."

Ghaldaqstant il-Qorti ikkonkludiet illi:

"Illi ghalhekk bhala natura tal-ferita ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni u dan ghaliex skond l-espert tal-Qorti iddeskrievietha bhala wahda ta' natura hafifa. Issa jekk l-imputata kellhiex intenzjoni specifika sabiex tikkaguna ferita gravi u irrizultat f'ferita ta' natura hafifa l-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda li giet prodotta."

Di piu' qieghda ssir referenza ghal sentenza ohra tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Clyde Bonavia' deciza nhar it-3 ta' Frar, 2011 fejn il-Qorti rinfaccjata b'sitwazzjoni simili ghal dik odjerna, ikkonkludiet illi:

"Illi l-Qorti jidrilha li una volta li c-cikatrici in kwistjoni ma tidhirx minn talking distance ma jistghax jitqies li l-griehi sofferti minn Cassar jammontaw ghal sfreggju jew mankament fil-wicc kif indikat fl-Artikolu 216(1)(b) talKodici Kriminali u wara li l-Qorti qieset li mix-xhieda talistess parti civili jirrizulta li wara li huwa mar jiddewwa daknhar stess tal-incident fejn sarulu zewg punti huwa ma hax aktar kura ghall-griehi minnu sofferti u l-ghada mar lura ghax-xoghol, jidrilha li l-griehi kagunati mill-imputat ghandhom jigu kkunsidrati bhala ta' natura hafifa" (enfasi tal-esponenti)

In oltre qieghda ssir referenza ghal sentenza ohra fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Saviour Sammut' deciza nhar il-15 ta' Settembru, 2014 fejn dwar il-ferita gravi fuq il-wicc, il-Qorti rriteniet illi:

"Jinghad ukoll li Dr Owen Agius li ukoll ezamina lil Joseph Psaila ukoll ikklasifika l-ferita li kellu Psaila fuq imniehru bhal ta' natura gravi ghaliex kellha bzonn punt. Jinghad li ghalkemm il-fatt li ferita jkollha bzonn punt mhiex fattur sabiex jigi stabbilit jekk ilferita hiex gravi jew le jinghad li jekk ikun hemm sfegju fil-wicc u fuq l- imnieher huwa parti mill-wicc dak jikkostitwixxi ferita gravi u f'dan il-kaz stante dak li qal Dr Scerri li l-ferita tidher minn distanza normali allura m'hemmx dubju li l-ferita hija wahda gravi."

Ghaldaqstant, a contrasio senso, jekk il-ferita ghalkemm tkun fil-wicc u jkollha bzonn xi punti, jekk l-istess ferita ma tibqax tidher minn distanza normali, mela allurra tali ferita ma tistax titqies bhala ferita gravi.

Applikati dawn il-principji u t-taghlim ghall-kaz in ezami jirrizulta illi l-feriti illi setgha jikkonstata u ccertifika bhala gravi Dr Jurgen Gatt fuq il-persuna ta' Kumbi dak in-nhar tal-aggressjoni , lanqas baqghu jidhru wara 27 gurnata (ossia sa dak in-nhar li Kumbi xehed quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti), ahseb u ara kemm tali feriti kienu permanenti jew addirittura hallew sfregju fuq il-wicc!!

Primarjament qieghda ssir referenza ghad-deposizzjoni ta' Kumbi, b'mod partikulari ghall-fatt li lanqas Kumbi stess ma baqa' jiftakar f'liema parti ta' wiccu saru dawn il-feriti, tant hu hekk illi f'mument jghid li ma' mniehru (fejn sahansitra jghid li ghamlulu 4 punti ), man nostri u hdejn widnejh, u mument iehor jghid li l-ferita kienet fuq ix-xoffa meta effettivament il-ferita kienet fuq haddejh!!

Ahseb u ara kemm tali feriti baqghu marka.

Anke kieku ghall-grazzja tal-argument u ghall-grazzja tal-argument biss tali feriti baqghu marka (li ma baqghux) ried jigi ppruvat li tali feriti kienu jidhru minn distanza normali – liema prova ma tezistiex.

Mhux talli tali prova ma tezistiex izda l-ewwel Onorabbli Qorti fl-ebda punt fid-deposizzjoni tal-istess xhud ma kkonfermat illi tali feriti kienu ghadhom qed jidhru izda qalet biss illi "Is-Sinjur ghadu qed juri widnejh u fuq ix-xoffa'.

Fid-dawl tat-taghlim supra citat, kif ukoll fid-dawl tal-fatt illi bl-ebda mod u manjiera ma gie ppruvat illi tali feriti hallew xi forma ta' sfregju fuq wicc il-vittma u jekk kien fadal xi feriti certament tali feriti ma kienux jidhru minn distanza normali, l-esponenti ma setgha qatt jinstab hati li kkawza ferita gravi izda jekk il-Qorti kkonkludiet illi effettivament kien l-esponenti illi fera lil Kumbi, il-feriti kkagunati kienu ta' natura hafifa u mhux ta' ferita gravi.

C. Dwar il-Pussess, iz-Zamma u l-Garr ta' Arma Regolari

Dan l-aggravju qieghed jingieb 'il quddiem minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti

L-ewwel Onorabbli Qorti sabet lill-appellant odjern hati tar-raba' u tal-hames imputazzjoni principarjament a bazi tax-xhieda ta' Kumbi (liema xhieda fl-umli fehma tal-esponenti ma hija xejn kredibbli u konsistenti).

Tant hu hekk illi l-ewwel Onorabbli Qorti dwar tali imputazzjonijiet ikkonkludiet illi:

"… jirrizulta mid-deposizzjoni ta' Kumbi li l-imputat kellu sikkina li biha kkagunalu l-feriti. Jirrizulta ghalhekk li kemm ir-raba'(4) u kif ukoll il-hames (5) imputazzjoni addebitati fil-konfront tal-imputat gew sodisfacentament pruvati u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghhom"

Illi minghajr ma jerga' jigi repetut dak miktub fl-aggravju A dwar il-kredibilita' ta' Kumbi u dwar kif l-ewwel Onorabbli Qorti ma setghetx tibbaza l-gudizzju taghha fuq tali xhieda, sejra ssir referenza ghax-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur l-ispettur Anthony Portelli li fuq il-pedana tax-xhieda nhar l-24 ta' Frar

jikkonferma illi meta saret tfittxija fuq il-persuna kif ukoll fir-residenza tal-appellant, tali sikkina li allegatament kienet fil-pussess u intuzat mill-esponenti waqt l-aggressjoni u deskritta minn Kumbi bhala "b'manku blu b'sinjal gold" – ma nstabet l-ebda sikkina simili.

Dan kollu, maghdud mal-fatt illi baqa' qatt ma gie identifikat min effettivament kienu l-ewwel u t-tielet persuna imvoluti fl-aggressjoni u konsegwentament ma saret l-ebda tfittxija fir-residenza tal-aggressuri l-ohrajn, jorbot man-nuqqas ta' kredibilita' ta' Kumbi u jsahhah il-verzjoni moghtija mill-esponenti, ossia illi mhux hu kien qieghed jaghmel uzu minn sikkina izda l-aggressur l-iehor.

Dan ghandu jigi kkunsidrat fid-dawl tax-xhieda kemm tal-appellant odjern kif ukoll tax-xhieda mghotija minn PS1147 mit-Taqsima tal-Forensika. Fil-fatt is-Surgent 1147 jikkonferma li meta huwa gie biex jiehu l-fingerprints u l-palm prints tal-esponenti huwa ma setghax jaghmel dan. L-esponenti nnifsu spjega fuq il-pedana tax-xhieda li huwa pprova jnehhi s-sikkina nkwistjoni sabiex din ma tintuzax minn Kumbi u mill-agressur tieghu sabiex ma jweggawx lil xulxin, u ghal kuntrarju ta' dak indikat mill-abbli ufficcjal prosekutur, il-verzjoni ta'l-esponenti kienet wahda veritiera ghall-ahhar, sahansitra wera lil l-ewwel Onorabbli Qorti l-marka li huwa ghad ghandu f'idejh, kawza ta' dan l-incident.

Ghaldaqstant fid-dawl tal-fatt illi fl-umli fehma tal-esponenti, baqa' qatt ma gie ppruvat sal-grad rikjest mil-Ligi u cioe dak ta' lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, illi effettivament kien l-esponenti illi kellu fil-pussess tieghu, zamm u garr tali sikkina , l-appellant jemmen illi ma setghax jinstab hati tar-raba' u tal-hames imputazzjoni.

D. Dwar il-Piena

Minghajr pregudizzju ghal dak kollu su espost u fl-eventwalita' biss li l-punti precedenti jigu skartati minn dina l-Onorabbli Qorti, l-esponenti huwa tal-fehma li diversi cirkustanzi kellhom ikunu ikkunsidrati ghall-fini ta' piena.

D.1 Dwar il-Ksur ta' Provediment ta' Sentenza Sospiza

L-ewwel Onorabbli sabet lill-appellant hati tas-seba' imputazzjoni, ossia li kiser provediment ta' sentenza sospiza.

L-ewwel Onorabbli Qorti ikkonkludiet illi "jirrizulta li s-sentenza ta' tliet (3) xhur prigunerija sospiza ghal tliet (3) snin inghatat fil-11 ta' Mejju, 2007 u jirrizulta wkoll li l-kawza odjerna taghmel referenza ghat-2 ta' Dicembru, 2009 li jfisser li s-seba' imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentament pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi misjub hati taghha."

Bl-ikbar dovut rispett, imma lanqas ma' dan ir-ragunament ma jista' jaqbel l-esponenti.

Ghalkemm huwa maqbul u mhux ikkontestat illi nhar il-11 ta' Mejju, 2007 l-esponenti instab hati u gie moghti sentenza ta' 3 xhur prigunerija sospiza ghal tliet snin, madanakollu certament ma giex ppruvat illi tali gudizzju jikkostitwixxi res judicata u jekk l-esponenti intavolax appell minn tali gudizzju.

Fid-dawl tas-su espost qieghda ssir referenza ghall-artikolu 416(1) tal-Kodici Kriminali li jistipula illi:

416.(1) Il-persuna misjuba ħatja li ma tkunx taħt arrest għar-reat li tiegħu tkun ġiet misjuba ħatja tista', meta tiddikjara imqar bil-fomm, li trid tappella mis-sentenza, taqla' mill-qorti inferjuri t-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza

L-oneru tal-prova huwa fuq il-Prosekuzzjoni u effettivament kien jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni illi jtella' lir-registratur tal-Qorti sabiex jikkonferma bil-gurament tieghu illi tali gudizzju jikkostitwixxi res judicata u li effettivament l-

esponenti ma ntavola l-ebda appell minn tali gudizzju, stante li tali prova baqghetx ma ngabetx, l-esponenti ma seghta qatt jinstab hati ta' din l-imputazzjoni

D.2 Dwar it-Trapass taz-Zmien

Fid-dawl tat-trapass taz-zmien illi ghadda mill-fatti mertu tal-kaz odjern ghas-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti, l-esponenti jhoss illi l-piena kumplessiva ta' tnax (12)-il xahar prigunerija hekk kif inflitta fuqu mill-Ewwel Onorabbbli Qorti hija harxa wisq.

Ghandu jigi mfakkar illi l-incident mertu tal-kaz sehh fl-2009 u stante li tali proceduri ntemmu nhar is-16 ta' Mejju, 2019 jemergi illi l-esponenti ilu jistenna li ssir gustizzja mieghu ghal madwar ghaxar snin.

Illi f'dan l-istadju ssir referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs. Geoffrey Azzopardi' deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar id-29 ta' Jannar, 2001, fejn l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali rreteniet illi:

"It-trapass taz-zmien jista' jagevola lill-persuna akkuzata ghall-fini ta' piena meta huwa juri li tul dak iz-zmien hu jkun zamm lura mill- ksur serju tal-ligijiet u wera certu impenn biex jirriforma."

Oltre minn hekk, meta wiehed iqis it-trapass ta' zmien minn meta sehhew il-fatti li taw lok ghal dawn l-akkuzi u d-data tas-sentenza, ma jistax ikun li l-appellant ma jhossux ruhu aggravat bil-piena inflitta b'mod partikulari fid-dawl tal-fatt illi huwa qatt ma xellef difrejh mal-Gustizzja mill-2009 sal-guranta tal-lum

It-trapass wahdu, anke fuq skorta ta' kazistika tal-Qrati taghna, kellu jgib mieghu riduzzjoni tal-piena. Illi fir-rigward tat-trapass taz-zmien, l-esponenti jaghmel referenza ghal kawza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs. Mario Zammit' deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-24 ta' Novembru, 2004 per Onor. Imhallef David Scicluna.

Illi f'din is-sentenza din l-Onorabbli Qorti kienet ghamlet referenza ghal kawza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs. Nikola Farrugia' et deciza fit-2 ta' Ottubru, 2002 u applikat il-principju segwenti:

'Issa apparti li kif gje spjegat aktar il fuq f' din is-sentenza l-appellanti jew uhud minnhom kienu huma stess il-kagun ta' parti miz-zmien li fih twal il-process, il-fattur tat-trapass taz-zmien ma jnaqqas xejn mir-responsabbilta' kriminali tal-hati. Jista' pero' f'xi kazi jigi konsidrat ghall-fini tal-piena kif gie ritenut fil-kazijiet appena citati u kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza "**Il-Pulizija vs. Geoffrey Azzopardi**" (29.1.2001)"

A bazi tas-su espost, fil-kaz odjern l-esponenti umilment jishaq illi ghandha tigi segwita din il-prassi mfahhra mill-Qorti ta' Strasbourg u l-piena erogata fil-konfront tieghu ghandha tigi mnaqqsa ghal wahda aktar miti u ekwa fid-dawl tac-cirkostanzi odjerni.

Semghet il-partijiet jittrattaw il-kawza u talbu lil Qorti tghaddi ghas-sentenza finali taghha

Ikkunsidrat;

Illi in breve, l-fatti kienu s-segwenti:

1. Fit-tnejn (2) ta' Dicembru tas-sena elfejn u disgha (2009) ghal habta tal-hamsa ta' filghaxija (5:00pm) waqt li Anaclet Kumbi kien miexi gewwa San Pawl il-Bahar safa aggrediet;

2. Anaclet Kumbi quddiem l-Ewwel Qorti allega li minn vettura ta' tip Pajero ta' kulur blu li kien fiha tlett (3) irgiel, hareg persuna li nbuttah u sussegwentement hareg l-imputat minn din l-istess vettura li tah daqqiet ta' sikkina bil-konsegwenza li sofra griehi;

3. Anaclet Kumbi jallega ukoll li gie misruq xi flus[2];

4. Skont ix-xhieda ta' Anaclet Kumbi, wara li huwa ghamel dan ir-rapport, ra il-vettura tat-tip Pajero ta' kulur blu u informa lil Pulizija bil-konsegwenza li gie ddentifikat l-imputat;

5. L-appellant minn naha l-ohra jichad li aggredixxa lil parti leza izda jghid li mar biss biex iferraq glieda bejn persuna Libyana u l-parti leza.

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant u cioe' dak bl-ittra 'A' jirrigwarda il-kredibilita' tal-parti leza u l-identifikazzjoni tal-appellant. Huwa jaghmel referenza ghal parti fis-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti kkunsidrat '*Illi minkejja li din il-Qorti ma ghexietx il-process kollu ta' dan il-kaz, mill-atti processwali, b'mod partikolari mid-deposizzjoni tax-xhieda kif moghtija mid-diversi persuni li gew imressqa f'dawn il-proceduri, il-Qorti tqies li l-verzjoni moghtija mill-allegat vittma Anaclet Kumbi, ghandha mis-sewwa, u cioe li l-imputat li kien ferieh u li l-imputat ghamel dak li Kumbi qal li ghamel ... Dan qieghed jinghad wara li gie kkunsidrat dak kollu li nghad hawn fuq u minhabba li d-deposizzjoni ta' Anaclet Kumbi hija aktar cara u konsistenti...*'

L-appellant ma jaqbilx ma dan. Jissottometti li l-kaz kollu tal-Prosekuzzjoni huwa effettivament ibbazat fuq il-verzjoni illi ta l-parti leza Anaclet Kumbi. L-appellant jaghmel referenza ghall-artikolu 638(2) tal-Kodici Kriminali u ghall-artikolu 637. L-appellant jishaq li meta wiehed jifli d-deposizzjoni tal-parti leza Anaclet Kumbi ta' nhar id-disgha u ghoxrin (29) ta' Dicembru tas-sena elfejn u disgha (2009) u janalizzaha fid-dawl tax-xhieda ta' PS914 Ivan Mifsud ta' nhar l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Frar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) u tal-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Anthony Portelli tal-istess gurnata, wiehed jinnota li

[2] Mill-atti jirrizulta li Anaclet Kumbi fl-investigazzjoni kien allega li kien misruq tletin (30) ewro filwaqt li waqt li beda jiddeponi quddiem l-Ewwel Qorti allega li kien misruq ghoxrin (20) ewro.

ghalkemm il-kaz tal-Prosekuzzjoni huwa bbazat kollu kemm hu fuq dan ix-xhud, tali xhieda hija altru milli univoka, imma l-oppost u cioe' mibnija u mghobbija b'kontradizzjonijiet. L-appellant jnizzel numru ta' skontu inkonsistenzi u kontradizzjonijiet li jemergu mix-xhieda tal-parti leza. Ghalhekk dak li l-appellant qieghed jippretendi li taghmel din il-Qorti huwa apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti. Kif gie kkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spt. J. Agius) vs Guzeppi Bilocca**[3]:

*'Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il- Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is- sens "inter alia" l-Appelli Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et**.[4]" ; "**Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi** [5]" ; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[6]"; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[7]" u ohrajn.'* (Emfazi mizjuda u dati tas-sentenzi miktuba bhala referenza hawn isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna)

Il-Qorti f'dik is-sentenza, kompliet tikkunsidra:

*'Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn* ***LORD CHIEF JUSTICE***

---

[3] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Frar, 2009 (Appell numru 273/2008)
[4] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju, 1994;
[5] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-14 ta' Frar 1989;
[6] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Mejju 1991;
[7] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Mejju 1991;

***WIDGERY*** *fil-kawza "**R. v. Cooper**"*[8] *(in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968)* (Dettalji dwar din il-kawza kif citata fl-appell citat jinstabu aktar l-isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna):-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed."* (Ara wkoll **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE**[9]). (Referenza tal-kawza miktuba aktar l-isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna).

Din il-Qorti taghmilha cara li stante li l-Ewwel Qorti qieset l-istqarrija rilaxxata mill-akkuzat bhala inammissibli, din il-Qorti sejra tiskarta milli tiehu konjizzjoni taghha. Bhall-Ewwel Qorti, din il-Qorti qieghda tiskarta kull stqarrija anke jekk verbali li l-akkuzat ghamel lill-Ufficjal Investigatur, fl-istadju tal-investigazzjoni. Ghalhekk kwalunkwe referenza li l-Ufficjal Prosekutur jaghmel ghal dak li l-akkuzat stqarr waqt l-investigazzjoni hija wkoll inammissibli.

Ikkunsidrat;

Illi l-appellant jissottometti li l-parti leza ilmenta li allegatament l-appellant ferieh "*ma imniehru, man-nostir. u imbaghad hdejn widnejja..*" L-appellant jghid li x-xhud matul id-deposizzjoni tieghu jirrepetiha ghal darba, tnejn, tlieta. Ix-xhud isostni li hdejn imniehru ghamillu erba' punti u f'widnejh giet tabiba u ghamlitlu tmien

---

[8] [1969] 1 QB 276

[9] (1991) , p. 1392

punti. Jissottometti li l-provi prodotti juru mod iehor. Jaghmel referenza ghac-certifikat mediku mahrug minn Dr Jurgen Gatt u pprezentat mill-Ufficjal Prosekutur nhar id-29 ta' Dicembru, 2009 a fol 18 tal-atti processwali. Jissottometti li mic-certifikat jirrizulta li ghalkemm il-parti leza ilmenta li kien qala daqqa ta' sikkina hdejn imniehru u xoftu, madankollu dan mhux minnu, tant hu hekk li l-istess tabib li ezamina lix-xhud dak in-nhar tal-incident ccertifika li ma kien hemm l-ebda ferita hdejn ix-xoffa u/jew l-imnieher izda kull ma ra kienet ferita hdejn il-widna u ohra fuq il-haddejn ta' Kumbi. Jissottometti li minn fejn giet il-ferita li allegatament qal li sofra l-parti leza bejn imniehru u halqu ma tirrizulta minn imkien.

A fol 18 immarkat bhala Dok AP gie pprezentat certifikat immarkat bhala Dok AP rilaxxat minn Dr Jurgen Gatt fejn hemm indikat li fit-tnejn (2) ta' Dicembru tas-sena elfejn u disgha (2009) fil-11:30 iccertifika lil Kumbi Anaciel li kien qieghed isofri minn:

'*Laceration 2cm over cheek*
*Laceration to the L ear to be seen at ent*'.

In-natura ta' dawn il-griehi giet iccertifikata bhala gravi.

Dr Jurgen Ronald Gatt xehed fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Lulju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) fejn spjega li '*jien ezamination lil Cumbi Ensaliel fit-2 ta' Dicembru 2009 fil-11:30pm. jiena certfikajt li kellha laceration ta' 2cm over the cheek u fil-left ear. Jiena dawn dheruli li kienu grevious ghax jistghu ihallu marka permanenti fuq il-wicc*'. Mistoqsi kif setghu gew ikkagunati dawn il-feriti, wiegeb li 'Fl-opinjoni tieghu kienet xi haga '*sharp avolja jiena mhux espert f'dawn l-affarijiet imma dik hi l-opinjoni medika tieghi*'.

Meta xehed il-parti leza Khulat Lecumbi tramite l-interpretu fis-seduta tad-disgha u ghoxrin (29) ta' Dicembru tas-sena elfejn u disgha (2009) spjega li l-appellant '*hareg sikkina, hareg biha, hareg biha mill-karozza u gie quddiemi biha. Kif gie ezatt quddiemi pprova qisu jghalaqni. Imbuttani kif qed nuri 'l isfel. Rega qabadni minn ghonqi u hezzizni minn ghonqi. Imbghad poggieli s-sikkina hawn hekk fejn qed nuri, jigifieri ma mniehri, man-nostri u qalli Zakama u imbghad hdejn widnejja rega rrepeta hafna vicin ta' widnejja l-kelma Zakama*'. Dwar il-feriti spjega li '*L-ewwel nett it-tabib ghamilli test ta' l-alcohol. Imbaghad kellu juza l-imqass biex isewwi u jaghmel il-punti.*' Mistoqsi kemm sarulu punti wiegeb li kien tabib ragel u ghamillu erba' (4) punti '*hdejn imniehri ghamilli 4 punti. Imbghad f'widnejja giet tabiba u ghamlulu 8 punti f'widnejja*'. Mistoqsi mill-Qorti '*Dawn il-qatghat li qed jghid li sofra, hdejn imniehru u hdejn widnejh, skond hu biex saru?*' wiegeb '*Zammewni minn ghonqi, gibduni lura, wiehed zammni u l-iehor huh bis-sikkina, qalli darbtejn, f'kull qata' Zakama*'. Spjega li meta qed jghid '*hija*' ried ifisser li mhux verament ahwa izda ghax ghenu lil xulxin, brotherhood forsi. In kontro-ezami meta mistoqsi '*Nghid sew li inti ma kellex xejn fi mniehrek. Jekk nghidlek li mic-certifikat mediku hawn hekk, Dok AP u r-rapport qabel tal-pulizija kien Dok AP 1, li inti ma kellek xejn fuq imniehrek*' wiegeb '*Jiena kelli ferita hawn hekk u imbghad ohra hdejn il-widna*'. Mistoqsi '*Nghid sew li ma kellu xejn fi mniehru?*' il-Qorti indikat li '*Taht imniehru qed juri mhux imniehru*'. Wiegeb dejjem tramite l-interpretu '*L-imnieher le. hawn hekk fejn qed nuri*'. Mistoqsi '*That imniehru fuq xuftejh jigi hemm hekk. Ir-rapport jghid li kellek 2 cm over cheek. U li kellek on the left ear hux hekk?*' Il-Qorti ikkumentat li '*Is-Sinjur ghad qed juri widnejh u fuq ix-xoffa.*' Mistoqsi '*Mela meta qabel ghidtilna li kellek il-punti go mniehrek ma kienx sew, hux hekk?*' wiegeb '*JIena qatt ma ghidt go mniehri. Ghidt vicin ta' imniehri u imbghad widnejja*'.

Ir-ritratti prezentati fl-envelop a fol 22 mill-Ispettur Anthony Portelli juru punti mal-widna xellugija u punti aktar l'isfel mill-imnieher jigifieri il-fuq mix-xoffa.

PS 914 Ivan Mifsud xehed fis-seduta tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Frar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) fejn spjega li '*Fit-2 ta' Dicembru 2009 ghall-habta tal-5.25pm kont xoghol l-ghassa l-Qawra u dahal certu Alsaled Cumbi ID 36398(A) u dan kellu xi daqqiet u bid-demm iqattar minnu.*' Dan ix-xhud izda ma jispjegax fejn kienu d-daqqiet u d-demm. L-Ispettur Anthony Portelli fix-xhieda tieghu tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Frar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) xehed li '*Dan fit-2 ta' Dicembru 2009 jiena kont CID duty officer. Xi hin filghaxija kont qed nara r-rapporti u fil-fatt kienu ghall-habta tas-7:00pm niftah ir-rapporti halli nara x'gara u ma garax u indunajt b'dan il-mugging incident fejn jien imbghad mill-ewwel kkuntattjajt lil PS 914 fuq dan il-kaz. Hu semma li certu Combi kien dahal l-ghassa tal-Qawra ghall-habta tal-5:25pm tat-2 ta' Dicembru fejn qal li dan kien gie attakkat minn zewg persuni u dan kien gie ferut f'widnejh u kif wkoll ha xi daqqiet ta' ponn go gismu...*' Dwar dak li qal l-parti leza l-ghada spjega li qal li '*Hin minnhom it-tieni ragel li hareg mill-Pajero hadli l-ID card tieghi mill-basket u zammha f'halqu u mar lura lejn il-karozza u gab sikkina. Dan rega gie fuqi u pogga s-sikkina ma xuftejja u ma widnejh u beda joffendieh u jghidlu l-kliem 'mother fucker' bil-lingwa gharbija...*' L-Ispettur Anthony Portelli xehed ukoll fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Frar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) li '*Lil dan il-persuna rajtu, kien qed jistrieh fuq wheel chair. Introducejt ruhi u hu qalli min kien u stajt naralu l-feriti f'widnejh u kif wkoll kellu qasma that imniehru li jidhru li kienu b'xi sikkina jew kienu b'xi arma bil-ponta.*'

Jirrizulta kjarament li l-parti leza sofra griehi ma' widna u sofra anke griehi aktar l'isfel minn imniehru. Ghalkemm ic-certifikat apparti li jindika griehi fil-widna leminija, jindika ukoll 'laceration ' ta' zewg centimenti '*over cheek*', il-punti li jidru fir-ritratti fl-envelop AP3 huma taht il-haddejn u mhux fuq. Nonostante dan, dan bl-ebda mod ma jnaqqas il-kredibilita tal-parti leza. Ir-ritratti ittiehdu mill-Ispettur Anthony Portelli l-ghada tal-incident kif ikkonfermat mill-Ispettur stess u li ghalhekk jixhdu li l-parti leza verament soffra griehi. Dwar x'kienu dawn il-griehu u jekk humiex ta' natura gravi sejjer jigi kkunsidrat aktar il-quddiem f'din is-sentenza.

Ikkunsidrat;

L-appellant jissottometti ukoll li anomalija ohra li temergi mix-xhieda tal-parti leza hija dwar jekk tali xhud kienx jaf lil appellant, qabel it-tnejn (2) ta' Dicembru tas-sena elfejn u disgha (2009). Meta mistoqsi mil-Qorti dwar jekk kienx jaf lil appellant, dak iz-zmien imputat qabel l-aggressjoni, ix-xhud wiegeb ghal darba darbtejn. Mistoqsi:

'*Qorti: Din il-persuna li qed jindika fl-awla li skond hu ferietu, kien jafha qabel?*
*Inter: Le. Jiena l-ewwel darba li rajtha kien meta din il-persuna ferietna.*
*Qorti: Cert li lil din il-persuna ma jafhiex?*
*Inter: Le Jiena l-ewwel darba li rajtha meta kien hemm l-aggressjoni*".

L-appellant jaghmel referenza ghax-xhieda ta' PS914 Ivan Mifsud ta' nhar l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Frar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) fejn l-imsemmi ufficjal tal-Pulizija isostni illi l-parti leza kien qallu li l-imputat kien joqghod fi Triq il-Hgejjeg, San Pawl il-Bahar. Jistaqsi kif jista' jinghad li x-xhieda ta' Kumbi hija wahda kredibbli u ghandha mis-sewwa meta l-verzjoni tal-istess xhud kienet qieghda tigi kontinwament mibdula ghal konvenzjenza tieghu. Jistaqsu kienx jafu jew ma kienx jafu qabel lil appellant u jekk ma kienx jafu qabel, kif jista' jkun jaf fejn joqghod. Jistaqsi ukoll jekk kien jaf fejn joqghod, ghalfejn biddel il-verzjoni fuq il-pedana tax-xhieda?

Ikkunsidrat;

Illi meta xehed il-parti leza Onode Khalat Lecumbi fis-seduta tad-disgha u ghoxrin (29) ta' Dicembru tas-sena elfejn u disgha (2009) mistoqsi mill-Qorti '*din il-persuna li qed jindika fl-awla li skond hu ferietu, kien jafha qabel?*' wiegeb '*Le. Jiena l-*

*ewwel darba li rajtha kien meta din il-persuna ferietni'*. Rega mistoqsi mill-Qorti '*Cert li lil din il-persuna ma jafhiex*' wiegeb '*Le. Jiena l-ewwel darba li rajtha meta kien hemm l-aggressjoni*' Aktar il-quddiem fix-xhieda tieghu spjega li '*Ftit jiem wara jiena ergajt ghaddej minn fejn kont aggredit peress li jiena l-kulur ta' din il-karozza baqa vivid f'mohhi, hadt in-numru tal-karozza*'. Jghid li l-karozza raha '*Bugibba fejn hemm l-istands tat-taxis. Hadt in-numru tal-karozza, cempilt lill-pulizija u tajthom in-numru. Tajtu n-numru tal-karozza, ergajt ghaddejt l-ghassa tal-Qawra u tajthom wkoll jiena n-numru tal-karozza*'. Jghid li kien ra l-kulur tal-karozza meta gie aggrediet.

PS 914 Ivan Mifsud fix-xhieda tieghu tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Frar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) spjega li '*Fit-2 ta' Dicembru 2009 ghall-habta tal-5.25pm kont xoghol l-ghassa l-Qawra u dahal certu Alsaled Cumbi ID 36398(A) u dan kellu xi daqqiet u bid-demm iqattar minnu. Kellimtu u qalli li x'hin qabez it-triq il-Korp tal-Pijunieri kif qabez is-cinema waqfet karozza Mitsubishi Pajero blu mit-twal u qalli li nizlu tliet irgiel ta' nazzjonalita Gharbija minnu qabdu jaghtuh ghal xejn b'xejn u wiehed minnhom hadlu 30 euro. Nghid li dak il-hin it-triq ma kienx cert minnha imma kien hemm mara li toqghod fi Triq il-Hgejjeg taghmel rapport u qalli li joqghod hemm f'dik it-triq u wiehed mill-aggressuri joqghod f'dik it-triq ukoll.*' Hemm imnizzel li '*Iktar tard l-istess Alsaled Combi mar l-ghassa tal-Qawra u sab lill-kollegi tieghi u qallhom li lill-imputat gharfu, joqghod fi Triq il-Hgejjeg, rah dielel go 35 Josephine Flats, Triq il-Hgejjeg San Pawl il-Bahar.*' Fir-rapport tal-Pulizija immarkat bhala Dok IM a fol 83 et sequitur u senjatament a fol 85 tnizzel:

*'REPORT UPDATED BY WPC175 ON 04.12.2009*
*PFR CALLED TODAY 04.12.2009 AT QAWRA POLICE STATION AT ABOUT 22.15HRS REPORTING THAT HE HAS SEEN ONE OF THE ABOVE LISTED SUSPECTS ENTERING IN 35, JOSEPHINE FLATS, TRIQ IL-HGEJJEG, ST. PAUL'S BAY.*

*DIVISIONAL POLICE ENAMELY PS 419 AND PC498 CALLED AT ABOVE MENTIONED ADDRESS TOGHETER WITH PFR BUT SAME WAS NOT ABLE TO RECOGNIZE WHICH FLAT NUMBER SAID SUSPECT GOT IT.*'

L-Ispettur Anthony Portelli fix-xhieda tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Frar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) xehed li '*xi jiem wara u qalli li kien ra l-Mitsubishi Pajero u taghni n-numru taghha u cioe FBO 512 u qalli li din kienet il-Pajero li kienu biha dawn il-persuni li aggredewni u fil-fatt rrizulta li din hija f'isem l-imputat Said Buslama u kienet pparkjata vicin ir-residenza tieghu.*'

Ghalhekk ma jirrizultax li l-parti leza kien jaf lill-appellant qabel l-incident izda li sussegwentement gharfu ghalkemm PS 914 Ivan Mifsud xehed li l-parti leza meta dahal fl-Ghassa '*dak il-hin it-triq ma kienx cert minnha imma kien hemm mara li toqghod fi Triq il-Hgejjeg taghmel rapport u qalli li joqghod hemm f'dik it-triq u wiehed mill-aggressuri joqghod f'dik it-triq ukoll*'. Meta l-parti leza xehed viva voce, huwa ma xehdx li li wara l-incident kien ra lill-appellant diehel f'blokk ta' appartament, dan il-fatt johrog mix-xhieda ta' PS 153, dak li xehed huwa li kien lemah il-vettura Pajero u li kien b'dan il-mod li kien gie identifikat l-appellant.

L-appellant jissottometti li l-misteru u kunflitt iehor li jemergi mix-xhieda tal-parti leza huwa dwar kif l-istess vittma irnexxielu jasal u jidentifika lill-appellanti bhala l-aggressur tieghu u cioe' il-persuna li ferietu f'wiccu. Huwa jaghmel referenza ghal fatt li gharaf il-vettura u li gharaf il-persuna ghalkemm jghid li meta jiem wara l-incident ra l-vettura '*Ma kien hemm hadd fiha*'. L-appellant jaghmel referenza ghal fatt li PS 914 Ivan Mifsud jghid li l-imputat gharfu joqghod fi Triq il-Hgejjeg, rah diehel go 35, Josephine Flats, Triq il-Hgejjeg, San Pawl il-Bahar. Jistaqsi ghala fuq il-pedana tax-xhieda Kumbi ghazel li jbiddel il-verzjoni u minflokk jghid li gharaf lil imputat diehel f'tali indirizz, jghid li gharaf lill imputat mill-vettura. Ps 914 fix-xhieda tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Frar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) xehed ukoll li '*Iktar tard l-istess Alsaled Combi mar l-*

*ghassa tal-Qawra u sab lill-kollegi tieghi u qallhom li lill-imputat gharfu, joqghod fi Triq il-Hgejjeg, rah diehel go 35 Josephine Flats, Triq il-Hgajjeg San Pawl il-Bahar.*' Din il-Qorti kif gia kkunsidrat irrispettivament tal-fatt jekk l-appellant giex identifikat minhabba li l-parti leza lemah il-vettura tieghu jew jekk ghax ra lill appellant diehel f'blokk ta' apparti, ma tqis li dan il-fatt inaqqas il-kredibilita' tal-parti leza, wara kollox meta xehed l-appellant huwa ma nnegax li kien hemm incident, izda qal li mar biex jifred il-glieda filwaqt li nnega li kien il-persuna li kellu s-sikkina f'idejh. Ghalhekk irrispettivament ta' kif gie identifikat l-appellant, mhemmx dubju li l-appellant kien involut, dak li irid jigi determinat huwa jekk giex ippruvat li l-appellant fera lil parti leza jew jekk verament kif qieghed jghid l-appellant u cioe' li mar jferraq lill-parti leza minn mal-persuna l-ohra..

Ikkunsidrat;

L-appellant jaghmel referenza ghal kuntrast fl-ammont li nsteraq lil Kumbi. Filwaqt li quddiem l-Ewwel Qorti, l-parti leza xehed li nsteraq ghoxrin (20) ewro, skont dak li xehdu l-Pulizija huwa kien allega li nsteraq tletin (30) ewro. Il-parti leza Onode Khalat Lecumbi fis-seduta tad-disgha u ghoxrin (29) ta' Dicembru tas-sena elfejn u disgha (2009) mistoqsi '*Inti meta ghamilt ir-rapport, semmejt li nsterqulek il-flus. Tista tghid lill-Qorti min hadhomlok u kemm kellek jekk hadulek xi flus*' u wiegeb '*Iva jiena kelli l-flus fil-haversack*' Jghid li kellu ghoxrin (20) ewro u l-flus waqghu mal-art u li '*minix cert jekk kienx hu jew il-persuna l-ohra imma xi hadd minnhom hadhom*'. Fir-rapport tal-Pulizija a fol 19 et sequitur u mmarkat bhala Dok AP1 tnizzel li '*HE STATED THAT WHILE HE WAS WALKING HOME NEAR TRIQ IL-HGEJJEG, ST. PAUL'S BAY A LARGE BLUE PAJERO STOPPED NEAR HIM AND 3 ARAB PERSONS EMERGED FROM IT AND STARTED HITTING HIM FOR NO REASON AND ONE OF THEM WHO HE DESCRIBED AS BEING FAIRLY WELL BUILT HIT HIM WITH A KNIFE AND TOOK THE AMOUNT OF 30 EUROS FROM HIM.*'

PS 914 Ivan Mifsud fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Frar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) xehed li l-parti leza qallu li '*nizlu tliet irgiel ta' nazzjonalita Gharbija minnu u qabdu jaghtuh ghal xejn b'xejn u wiehed minhom hadlu 30 euro.*'

Ghalkemm tirrizulta diskrepanza fl-ammont li l-parti leza kien qal li insteraqlu, din ftit li xejn taghmel differenza gialadarba l-appellant ma nstabx hati ta' serq.

L-appellant jissottometti ukoll li l-ikbar konflitt jirrigwardja l-identifikazzjoni tat-tielet persuna li allegatament kien prezenti waqt l-aggressjoni. Li fuq il-pedana tax-xhieda, Kumbi jsostni li t-tielet persuna qatt ma harget mill-karozza, li dejjem baqghet gol-karozza. Li ma jiftakarx id-dettalji tal-wicc tat-tielet persuna. Izda l-ispettur xehed li l-parti leza qallu li minn gewwa l-Mitsubushi Pajero nizlu tlett irgiel ta' Nazzjonalita Gharbija minnu u qabdu jaghtuh ghal xejn b'xejn. Jissottometti li lill-Ispettur il-parti leza kien anke qallu li t-tielet persuna nizlet minn gewwa l-vettura u li t-tielet persuna seta jara li kelu madwar hamsin (50) sena u kellu lehja bajda u xaghru qasir skur u liebes gakketta bajda u blu u jeans blu.

Il-parti leza Onode Khalat Lecumbi xehed fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Dicembru tas-sena elfejn u disgha (2009) u spjega li fil-Pajero kien hemm tlett persuni. Li persuna nizlet mill-karozza, resqet lejh u dejjem riesaq aktar qrib tieghu. Spjega li messu u inbuttah. Xehed li '*staqsieni ghaliex jiena kont qed ngholli idejja. U jiena ghidtlu ma kellu xejn x'jaqsam mieghek. Jiena ma kontx qed ngholli idejja minhabba fik. Il-persuna l-ohra qaltlu le inti uzajt idejk biex taghmel il-mossa li ghadu kemm wriena*'. Il-Qorti kkummentat '*Qata' idejh jigifieri.*' Jghid li '*Tlaqt, dort mal-kantuniera u l-istess persuna, dejjem l-istess persuna, kellu l-basket fuqi kif qed nurikom.*' Spjega dejjem tramite l-interpretu '*Kellu l-basket fuq dahru. Malli dort qabadni mill-haversack. U staqsieni dan x'inhu*'. Spjega '*Imbghad qalli jiena Libjan*'. Spjega li '*Wara ftit tal-minuti meta kont jiena sejjer lura, rajt din il-persuna li nizel 'l isfel u wkoll beda jitkellem u jiena ghaddejt minn kantuniera ohra. U dejjem l-istess persuna u rega'*

*qabadni minn wara mill-haversack. U qalli li kien pulizija. U din il-persuna hawn hekk, li qeghda hawn hekk, giet il-persuna l-ohra li qeghda hawn hekk u qaltlu iva. Rega qallu l-istess. L-ewwel persuna qaltlu li pulizija u t-tieni persuna li qeghda hawn hekk fl-awla qaltlu jiena naccetta.'* Jigifieri '*Dak il-hin hu qed jghid veru hekk hu, qed jaqbel mieghu, li l-persuna l-ohra hija pulizija. U bdew imissuni kif qed nurikom.*' Ikkonferma li fis-sens ifittxu fuqu. Li nehhewlu l-haversack minn fuqu, fethu l-haversack u hargu kollox minnu, hadlu t-tadam u ghamlu ma halqu l-imputat. Ha l-basket u l-ID card, gara kollox mal-art, pogga l-ID card tieghu go halqu, kompla jiftah l-bieba tal-karozza bl-ID card dejjem bejn xuftejh dahal gol-karozza, '*hareg sikkina, hareg biha, hareg biha mill-karozza u gie quddiemi biha. Kif gie ezatt quddiemi pprova qisu jghallaqni. Imbuttani kif qed nuri 'l isfel. Rega qabadni minn ghonqi u hezzizni minn ghonqi. Imbghad poggieli s-sikkina hawn hekk fejn qed nuri, jigifieri ma mniehri, man-nostri u qalli Zakama u imbghad hdejn widnejja rega rrepeta hafna vicin widnejja l-kelma Zakama*'. Spjega li 'zakama' tfisser '*Ommok*' u kien insult. Spjega li '*Persuna min-naha tal-lemin u ohra min-naha tax-xellug zammewni minn genbejja. Din il-persuna li wrejtkom fethet il-bieba tal-karozza u riedu jippruvaw ipogguni gol-karozza u jiena rrifjutajt u ma ridtx nidhol fil-karozza. Imbghad hallewni. Rnexxieli niehu l-ID card u l-karta tal-pulizija*' jigifieri l-awtorizzazzjoni biex jghix Malta. Spjega li '*Dan id-dokument jiena ghamiltu fil-basket, tlaqt u peress li l-bott tat-tadam kien mitfugh band'ohra jiena mort u gbartu mort l-ghassa tal-pulizija tal-Qawra u hemm hekk spjegajt x'kien gara.*' Spjega li '*Id-dettalji tal-wicc tat-tielet persuna jiena ma niftakarhomx. Jiena bqajt niftakar zgur lill-persuna li qeghda hawn hekk li jiena tkellimt fuqha*' Minn naha l-ohra r-rapport tal-Pulizija a fol 19 et sequitur u mmarkat bhala Dok AP1 jipprovdi li '*HE STATED THAT WHILE HE WAS WALKING HOME NEAR TRIQ IL-HGEJJEG, ST. PAUL'S BAY A LARGE BLUE PAJERO STOPPED NEAR HIM AND 3 ARAB PERSONS EMERGED FROM IT AND STARTED HITTING HIM WITH A KNIFE AND TOOK THE AMOUNT OF 30 EUROS FROM HIM.*'

PS 914 Ivan Mifsud xehed li l-parti leza qallu li '*nizlu tliet irgiel ta' nazzjonalia Gharbija minnu u qabdu jaghtuh ghal xejn b'xejn u wiehed minnhom hadlu 30 euro.*' L-

Ispettur Anthony Portelli fis-seduta tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Frar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) xehed li kkuntatja lil PS 914 li semma li Combi kien mar l-ghassa jirraporta '*fejn qal li dan kien gie attakkat minn zewg persuni u dan kien gie ferut f'widnejh u kif wkoll ha xi daqqiet ta' ponn go gismu..*' L-ghada '*Meta jiena staqsejtu jekk lil dawn in-nies kienx jafhom, qattx rahom, qalli li qatt ma kien rahom qabel. Imbghad tlabtu jiddeskriviehom. Hu qalli li dak li kellu s-sikkina kien twil madwar 6 piedi u tnejn, kellu spalltu miftuhin u kellu madwar 40 sena, kellu gilda bajdanija, ma kellux lehja u xaghru kien qasir. Kien liebes gakketta kannella u qalziet blu. L-iehor kien twil madwar 6 piedi u 9 u kellu madwar 37 sena. Dan kellu l-gilda wkoll bajdanija u xaghru kien qasir wkoll. Dan kellu mustacci zghar u kien liebes gakketta sewda quilted u kellu qalziet tal-jeans blu. It-tielet persuna stajt nara li kellu madwar 50 sena u kellu lehja bajda u xaghru qasir skur u kien liebes gakketta bajda u blu u jeans blu. Jien kont staqsejtu, imma inti cert li dawn kienu Gharab u mhux Maltin? Qalli cert li kellmuni bl-gharbi ghax jiena ngharfu l-accent Malti. Jiena kont staqsejtu wkoll jekk hux kapaci jaghmel efit minhabba dawn il-persuni u qalli li le izda jekk jerga jarahom jgharafhom.*' Meta l-parti leza kien mistoqsi in kontro ezami '*It-tielet persuna ghamlitlu xi haga?*' wiegeb '*Le. Quddiem Alla nista nghid li din il-persuna dejjem baqghet fil-karozza u qatt ma harget mill-karozza. Qatt ma resaq lejja*'. Mistoqsi '*Jekk nghidlek li lill-ispettur inti ghidtlu li din il-persuna harget mill-Pajero, qalet xi haga bl-Gharbi lil dawn in-nies u rega dahal fil-karozza, xi tghid?*' wiegeb '*Le. Din it-tielet persuna qatt ma nizlet mill-karozza*'. Mistoqsi '*Mela gdibtlu lill-ispettur meta ghidtlu hekk?*' wiegeb '*Jiena anke meta l-ispettur staqsieni jekk din it-tielet persuna harget mill-karozza, ghidtlu li ma hargitx*'. Mistoqsi '*Jekk nghidlu wkoll u dan qed naqra mir-rapport li ghamel lill-pulizija tal-Qawra fil-PIRS, li hu lill-pulizija malli mar l-ghassa qalilhom li gie imsawwat minn tliet irgiel Gharab, xi jghid? So this is the third different statement*' wiegeb '*Kienu tlieta persuni imma tnejn lili sawwtuni.*' Mistoqsi '*Jekk nghidlek li fir-rapport hemm li inti ghidt tliet nies Gharbu hargu minn karozza Pajero blu u bdew isawwtuni ghall-ebda raguni*' wiegeb '*Le zewg persuni mhux tlieta*'. Mistoqsi '*X'ghidtilhom inti fir-rapport?*' wiegeb '*Jiena ghidt li kienu tlieta min-nies, tnejn sawwtuni u wiehed li pogga s-sikkina*'.

L-Ispettur Anthony Portelli li xehed fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Frar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) spjega dak li l-parti leza qal fit-tlieta (3) ta' Dicembru meta gie d-depot u kien kellmu bl-assistenza ta' PS Christopher Harmsworth li dan jitkellem tajjeb hafna l-Franciz. Spjega li '*qalli li hu kien qed jirritorna d-dar nhar it-2 ta' Dicembru xil-5.00pm fi Triq il-Pijunieri u dak il-hin kellu telefonata ma ommu da spjegali li biex jirraguna ma ommu beda jxejjer idejh, jitkellem maghha u jgholli idejh. Hawn hekk qal li dak il-hin waqfet Pajero blu fi Triq il-Pijunieri, hareg minnha ragel mis-seat ta' quddiem tal-passiggier fejn qalli li dan il-persuna gie mill-ewwel fuqu u qallu bil-lingwa Libjana x'ried jghid biha dan li qed ixejjer u dan lili qalli li hu qallu li beda jitkellem ma ommu u mhux kont qed naghmel xi sinjal lejh. Qalli jiena bqajt miexi u dak il-hin ir-ragel baqa' jimxi warajja u jargumenta. Qalli jiena lhaqt dort mas-cinema li hemm hekk hemm l-Empire Cinema u l-Pajero qabzitu u regghet waqfet quddiemu. Hawn hekk qal li x'hin il-Pajero waqfet minn go fiha hareg ragel iehor u dak il-hin il-persuna li kien ghadu barra kien qed jiffolowjah ukoll. Meta hareg il-persuna l-ohra min go fiha, din id-darba d-driver, dan resaq fuqu u qallu li huma kienu pulizija. Dak il-hin qalli li ma wrieh ebda document u qalli li kull ma ghamel ghamel snjal hekk imma ma wrieh xejn dan il-persuna li qallu li jiena pulizija. Fid-daqqa u l-hin qal li dan hataflu l-basket li kellu fuq dahru, kellu barzakka li anke gie biha d-depot u fittixlu fih. Issa peress li dan ma kellu xejn go dan il-basket, dan xehet il-basket ma' l-art quddiemu. Qalli dan beda jfittixli fuq il-persuna tieghi u waqt li beda jfittex beda wkoll isawwtu u jaghtih bil-ponn fuq wiccu u minn gol-but tal-qalziet hadlu 30 euro li kellu. Hin minnhom it-tieni ragel li hareg mill-Pajero hadli l-ID card tieghi mill-basket u zammha f'halqu u mar lura lejnil-karozza u gab sikkina. Dan rega gie fuqi u pogga s-sikina ma xuftejja u ma widnejh u beda joffendieh u jghidlu l-kliem 'mother fucker' bil-lingwa gharbiha. Hin minnhom hareg bott tat-tadam li kellu fil-basket u tefghu ghal nofs it-triq. Irrid nghid ukoll li dak il-hin kienu ghaddejin xi nies u qal li dan l-Gharbi beda jindirizzahom u jghidlhom pulzija biex dawn ihalluh u fil-fatt dawn in-nies ma waqfux ghax hasbu li. huma kienu pulizija. Qal li fl-istess hin dawn in-nies komplew isawwtuh. Wara xi ftit dawn telqu 'l hemm, in-nies li kienu ghaddejin. Qalli li fil-Pajero kien hemm ragel iehor li kien fis-seat*

*tal-passiggier u hin minnhom hareg mil-karozza u qalilhom xi haga bil-gharbi u rega dahal fil-karozza. Dan beda jghid ukoll li dawn iz-zewgt irgiel kellhom riha ta' xorb u dawn f'hin minnhom ppruvaw idahhluni fil-karozza pero jiena rrezistejthom u dawn telqu.'*

Ghalhekk kif tajjeb issottometta l-appellant filwaqt lil-parti leza xehed li ma jiftakarx id-dettalji tal-wicc tat-tielet persuna li baqghet fil-karozza, jirrizulta mix-xhieda tal-Ispettur li l-parti leza kien filfatt ta' deskrizzjoni tat-tielet persuna u skont dak li l-Ispettur Portelli jghid li l-parti leza qaltlu '*fil-Pajero kien hemm ragel iehor li kien fis-seat tal-passiggier u hin minnhom hareg mill-karozza u qalilhom xi haga bil-gharbi u rega dahal fil-karozza.*'.

Il-parti leza quddiem l-Ewwel Qorti gharfet lil akkuzat bhala t-tieni persuna li hareg mill-karozza ghalkemm skont l-Ispettur Anthony Portelli huwa kien iddeskriva t-tieni ragel bhala '*Hu qalli li dak li kellu s-sikkina kien twil madwar 6 piedi u tnejn, kellu spalltu miftuhin u kellu madwar 40 sena, kellu gilda bajdanija, ma kellux lehja u xaghru kien qasir. Kien liebes gakketta kannella u qalziet blu. L-iehor kien twil madwar 6 piedi u 9 u kellu madwar 37 sena. Dan kellu l-gilda wkoll bajdanija u xaghru kien qasir wkoll. Dan kellu mustacci zghar u kien liebes gakketta sewda quilted u kellu qalziet tal-jeans blu..*' Ghalkemm l-parti leza jiddeskrivi lill-ewwel ragel bhala mibrum u qasir, id-deskrizzjoni moghtija mill-parti leza lill-Ispettur Portelli fl-investigazzjoni skont ix-xhieda tal-istess Spettur tghid mod iehor. '*L-appellant jghid li huwa ma ghandux gilda bajdanija. Gew pprezentati ritratti minn PS 1147 Antoine Fenech li din il-Qorti qieghda tifhem li ttiehdu fil-hmistax (15) ta' Dicembru tas-sena elfejn u disgha (2009) fit-taqsima tal-forensika fejn ghalkemm il-gilda tal-appellant mhijiex daqstant bajdanija izda lanqas ma jista' jinghad li l-karnaggon tieghu huwa skur daqs tal-parti leza.*'. Din il-Qorti tqis ukoll li l-parti leza lil Pulizija mal-ewwel identifika l-aggressuri bhala Gharab u xehed b'certu konvinzjoni quddiem l-Ewwel Qorti li kien l-appellant li kien

ferieh bis-sikkina. Din il-Qorti sejra issa tqis ix-xhieda tal-appellant innifsu u dik in difeza.

L-imputat Said Bouslama fis-seduta tat-tmienja (8) ta' Marzu tas-sena elfejn u tmintax (2018) xehed li kien qed jiehu drink ma hbieb u John Borg qallu biex imorru x'imkien iehor ghax hemm folla nies u marru f'hanut f'kantuniera jghidulu Germaniz Johnny's Bar u wara kienu sejrin s-Solair fil-kantuniera fejn joqghu hu wara s-Cinema ezatt Triq il-Hgejjeg u marru bil-karozza tal-akkuzat. Spjega li '*Ahna u sejrin waqqafni persuna li bil-wicc nafu sewwa rajtu xi tlett darbiet erbgha jigifieri wiccu mhux ha jahrabli minn imkien. U ghamilli pjacir ghax tlift tal-linja u rrid immur Ghawdex*' Din il-persuna hija '*Barranija nazzjonalita taghha Libjana. U ghedtlu ejja halli mmorru l'hemm, qalli thallih l-art dan ir-ragel? U tellajtu maghna ghedtlu ha niehdu drink u nwasslu sal-ferry ghax tal-linja kien dak iz-zmien qalli ok ghax x'gara u hekk qalli ghax jien inzilt infittex persuna u ma stajtx insibu. Darbtejn jidhak bija biex ma nghidx kelma ohra kif qalha hu u ma sabux. Ghaddejjin qeghdin insuqu, wasalna fejn is-Cinema ezatt u qalli zomm zomm dan hu li ridt inkelmu arah minhabba dan gejt jien u waqaftlu jien*'. Jghid li '*mill boghod rajtu kif nizel u rajtu mar jkellmu dan il-persuna mill-Afrika mhux Malti jew nazzjonalita Gharbija u qaghdu jimxu flimkien ghandu idu fuq spalltu, jimxu u jitkellmu jimxu u jitkellmu xi kultant jargumentaw bl-idejn u waqqfu u ma nafx x'inhu u jien gew hbieb tieghi jkellmuni quddiem is-Cinema u aljenajt rasi u ma rajt xejn. Qeghdin nitkelmu kif int allright it-tfal u ma nafx x'inhu ghedtilhom kollox sewwa u hekk u f'hin u iehor nisma' ara Madonna x'jaghtu hemmhekk u harist wahda hekk ghedt ara dak mhux dak l-Ostja jien skuzani, sorry, u soqt quddiem*'.

Spjega li '*Kif rajthom qeghdin mal-art wasalt fejnhom diga kienu t-tnejn bid-demm, it-tnejn li huma wiehed ghandu daqqa hawn fi gbinu b'bott tat-tadam u l-iehor kellu xi haga f'idejh ukoll fil-fatt qatali idejja jien*'. Jghid li '*qbizt fin-nofs ghax l-iehor kien maghna fil-karozza u hekk u gbidtu ma hallejtux fuq l-iehor biex jtih, l-iehor fl-istess hin mort inferraqhom u xejjirli daqqa ta bott ried jtiha lill iehor nghid il-verita' hu ried*

*jxejjirha lill iehor u farrakli subghajja u imbuttajtu u offendejtu'*. Meta tah id-daqqa ta' bott tad-tadam, qam u offendieh. Dwar is-sikina jghid li *'l-iehor kif missu biha jien ghamiltlu wahda hekk biex inzommlu idu u gibed idu u qasamni jien'*. Jikkonferma li prova jzommlu idu biex ma jkomplix jaghtih u hareg idejh u laqat lilu f'idu l-leminija. Jghid li *'U ferini, jien gbidtu, imxi ha mmorru l'hemm jew inkella halli inkun iktar jien qed nghidlu allright itlaq tlajt fuq il-karozza u ergajt inzilt biex nerga' nferraqhom biex ma jmurx jerga jtih u l-iehor ixxuttjah bis-sieq reghha u kien mal-art miskin kellu f'wiccu ferita u sejjer hekk u l-iehor jtih bis-sieq fl-art, u ergajt ghidtlu ghedtlu ha nhallikom. Jien soqt ha nitlaq u mbaghad gie u tela mieghi tela gol-karozza. Min hemmhekk gara x'gara ma nafx x'inhu qal ghax diga tnejjek bija kemm il-darba u jigi u ma jigix ma nafx x'inhu ghal flus li bejniethom kienu u jien ma kontx naf xejn x'kien hemm fin-nofs. Imbaghad fit-triq beda jitkellem minhabba certu affarijiet ghedtlu imma ma kellekx ghalfejn iddahhalni hekk fiha lili qalli ahjar ghalih u ma nafx x'inhu.'*

Xehed li *'Min hemm morna hadna drink, ghax .. qalli ha ninzlu nieqfu hawn ha l-Casanova Johnny John Borg u waqafna. Hadna wiehed ghedtlu imxi ha nwassluh l'hemm u tkellimt mal-iehor fit-triq sac-Cirkewwa u x'gara u gara hekk u ma setax jitkellem minhabba l-iehor minhabba John. Wassaltu, u wara gejjin lura x-Xemxija waqqafni s-surgent Ivan qalli int f'xi hin kont Triq hemmhekk? ghedtlu hemm noqghod jien qalli smajt xi haga x'gara ghax beda jghidli .. ghedtlu jien ma kelli xi nghid ma' hadd dik ma ridx nidhol fiha avolja ma urejtux idi x'gara u ma garax fhimt, ghedtlu jien ma kelli nghid ma' hadd. U tlaqna l'isfel, kellem lill John ma nafx x'kelmu u John qallu jien ma rajt xejn ghax kont rieqed u ma nafx x'qallu ezatt. Qal ha nidhol f'basla jien bejniehtom qalli inti ma missekx qalli tkellimt'*. Mistoqsi dwar li fil-proceduri ntqal li hu prova jidentifika ruhu bhala Pulizija wiegeb li *'No kieni s-surgent Ivan ghaddej mit-triq ta' isfel u bdew jghajtu ara gejja l-karozza tal-pulizija u bdew jghid ara x'pulizija u hu xorta ghadu jtih bis-sieq. U mbaghad qam u l-karozza fil fatt kif dorna lejn ix-Xemxija rajnih kien hemm xi habta jew karozza taqbad, haddejna tlajna u ahna u gejjin waqqafni lur amhux jien biss kulhadd beda jghajjat ara l-karozza ara gew'*. Dwar it-tape u l-imqass li sabulu fil-karozza jghid li *'anke lis-surgent tas-CID kelli l-indicator u d-dawl*

*imdendel bit-tape b'kollox u dawk mhux lilu biss anke spanners u kollox ghandi kaxxa ghalih .. hu l-kaxxa kollha qalli le ahna nghazlu x'niehdu'.* Dwar jekk kellimx lill-ispettur dwar il-persuna ta' nazzjonalita Libjana wiegeb li '*Jien ghedtlu li ma kellix x'naqsam maghhom xejn u offrejt ghedtlu ghandek l-computer.. kienet gewwa offrejtlu biex nurihulu nidentifika liema wiehed qalli le m'ghandix ghalfejn issa ghandi lilek Ghedtlu ta' xhiex qalli mhux inti ittihuli ghedtlu x'intik jien, ghedtlu dak habib tieghu ghid lilu jtihulek mhux jien u jaf anke fejn joqghod Ghawdex ghax diga tela' fejnu kemm il-darba. Jghid li lill-Ispettur qallu li l-Afrikan kien jafu l-vittma.* Spjega li lill-Ispettur Portelli '*offrejtlu biex nurih fil-computer ghax dan diga kellu kaz u qieghed gewwa xi haga l'hawn jew l'hemm ghandek qalli le m'ghandix ghalfejn taf kemm ghandna hemmhekk mela ha noqghod inqalleb? ghedlu jien nipprova nghinek milli nista', tridx tibghat lill xi hadd u ... naghmel gimgha insibu qalli le. Qalli ma nistax. Ghedtlu kien hemm karozza tas-CID ipparkjata hemmhekk kien hemm tnejn go fiha ghedtlu tista' ssaqsihom dawk il-hinijiet min kienu u xraw b'ghajnejhom qalli le dawk xoghol iehor kienu....*'

In kontro-ezami l-appellant qal li l-Gharbi li riekeb fil-Pajero ghax tilef tal-linja kien jafu darbtejn jew tlieta kien rah ghand il-barbier. Wara l-incident tal-elfejn u disgha (2009) gieli rah fit-triq ghaddej bil-karozza. Qatt ma ha n-numru tal-karozza u tah lil Pulizija u mistoqsi jekk qal lil Pulizija fejn jistghu jsibuh lil dan wiegeb li offrielhom u ma accettawx l-offerta. Kien kellem lis-Sur Portelli meta gara l-kaz, meta arrestawh. Dwar l-incident meta l-persuna Gharbija harget mill-Pajero u beda jargumenta jghid li bdew jimxu u l-appellant waqaf jitkellem ma John, u gew hbieb tieghu hiergin mis-Cinema u ghadu jitkellmu sakemm l-ohrajn qeghdin jiggieldu. Ikkonferma li wara li ggieldu spiccaw mal-art it-tnejn bid-demm u l-iehor rega riekeb mieghu u waslu c-cirkewwa u qabel hadu xampanja ma' Johnny u mal-Gharbi u wasslu c-Cirkewwa.

Geoffrey Borg bhala xhud in difeza xehed fil-hdax (11) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018) li jikkalkula li glieda kienet xi tmien (8) snin qabel. Jghid li '*jien*

*kont hiereg mit-talkies xi l-hamsa u nofs, ha nghidlek jien issa mbaghad jekk trid issaqsini, saqsini. Jien kont hiereg mit-talkies xi l-hamsa u nofs mat-tfajla tieghi qieghed ma' wahda'* Jirreferi ghat-'talkies' ta' Bugibba '*qed nithaddtu u konna telghin kont sejjer ghal karozza ghan-naha tal-Velvet. Naf li kien hemm xi hadd qed jiggieled, rajt nies migburin. Min kien qed jiggieled ma kontx naf, rajt wiehed karnaggjon iswed nahseb li kien Afrikan u l-iehor nahseb li kien xi Gharbi. Fil pront bqajt tiela ghax kont mat-tfajla. Ma kellix x'naqsam naf li kien hemm Mitsubishi blu li huwa ta' Said*' u cioe' l-imputat, jaf ghax jgharfu ghax ilu ghandu. Jghid li iccaqalqet il-karozza imma mbaghad waqaf u l-glieda baqghet. Jghid li jekk mhux sejjer zball kien ghal habta ta' Dicembru tal-Milied, mhuwiex mija fil-mija ghax ghaddew disa' snin. Jghid '*Naf li hareg kellu xi sikkina jew kellu xi haga taqta' f'idu ma nafx ma rajtux*' Jghid li l-Gharbi jigifieri mhux l-imputat. Jghid li '*dak jien rajtu rikeb fil-karozza ma kellu xejn, nizel u pprova jferraq mill-glieda qed tifhem. Ma nafx imbaghad, naf li smajt il-karozza tal-Pulizija ghaddejja kienet ghaddejja l-karozza tal-pulizija min taht qed tifhem, ma nafx imma ezatt x'gara. Imbaghad iltqajt xi zmien wara mieghu qalli dak laqatni f'idi qed tifhem*'. Jghid li '*Imbaghad iltqajt ma' Said xi zmien wara u imbaghad kien qalli dak laqatni f'idi fhimt ghedtlu laqtek f'idek? L-Gharbi laqtu f'idu b'xi sikkina ma nafx b'mus, mhux ser nghidlek, jien ma dhaltx gol glieda lanqas kelli ghalfejn.*'

In kontro-ezami mistoqsi fejn ra lis-Sur Said l-ewwel darba qal li '*jien rajt il-karozza ta' Said wieqfa naqra l'isfel mill-Velvet imbaghad harira l'fuq imbaghad waqaf hu, nizel x'gara ma nafx.*' L-ewwel rah naqra l'isfel mit-'talkies' fil-karozza Mitsubishi pajero blu kien fuq l-isteering. Mistoqsi kienx wahdu wiegeb '*Mela jien qadt nittawwallu fil-karozza min kien qieghed*'. Jghid li '*kien hemm hafna nies ma nafx kemm kienu qed jiggieldu imma jien rajt wiehed ta' karnaggjon iswed qed tifhem sorry Afrikan u wiehed ishu half cast Gharbi fhimt*'. L-Gharbi hu u tiela ra sikkina f'idu, sikkina, mus, imqass ma jafx. Imbghad ra l-Pajero u ra lil Said niezel minnu u mar iferraq, hu ma ndahalx baqa sejjer. Zmien wara l-imputat qallu li laqtu f'idu dak l-Gharbi. Spjega li '*Ghedtlu mela ma kellekx tort, ghax jien ghalija ma kellux tort, ghedtlu vol diri inzilt tferraq u qlajta inti hekk biss jien li ghedtlu. Hadd il-kafe u*

*tlaqna imma ltqajna miljun darba wara qed tifhem ghax niltaqa' mieghu kemm il-darba ghax jien noqghod fejn l-Acquarium u hu joqghod fejn ic-Cherry Tree x'imkien hemm.* ' Jghid li rah iferraq izda ma jafx x'ghamel ezatt. Jghid li '*jien kont tiela' l'fuq mat-tfajla tieghi, jien li kien jinteressani minni li jien ma nweggax li jien immur ghal karozza tieghi*'. Jghid '*x'ghamel hu ma nafx.*' Jghid li l-imputat kien qed jferraq imma x'gara wara ma jafx. Mistoqsi x'jifhem biha '*jferraq*' wiegeb li '*Wiehed jimbuttah l'hemm u wiehed jimbuttah l'hawn issa jien x'gara ma nafx, jien bqajt sejjer*'. Jghid li lit-tfajla tieghu qalilha dak Said. Il-Qorti kkumentat li '*Jigifieri kellu id fuq naha u id fuq ohra*' u wiegeb '*Jferraq jien ghalija jferraq qed tifhem jferraq kien qieghed. Issa x'gara wara jien bqajt sejjer, rajtu ftit zmien wara bhalma rajtu m'ilhux u qalli mela qed tifhem qalli titlaghli konna qeghdin qed niekol il-bocci u rajtu ukoll qed tifhem. Niltaqa' mieghu Malta zghira anke jekk tmurli Wied il-Ghajn, mur Ghawdex. Go Dubai niltaqa' man-nies ahseb u ara hawnhekk*'. Mistoqsi jekk Said jafx lil xi wiehed minn dawn in-nies li kien qed jferraq wiegeb li issa la jaf u lanqas jinteressah.

Xhud iehor in difeza huwa Paul Washimba li xehed fil-hdax (11) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018). Huwa xehed bil-lingwa Ingliza u spjega li jahseb li l-incident gara xi disa' snin ilu, jghid li kien fix-xitwa u li jahseb li fl-ghaxra ta' Dicembru. Jghid li kien filghaxija u cioe' '*Evening time*'. Jghid li '*I was walking with that guy, the guy was attacking I was walking*'. Jghid li kien miexi ma Anakli Kumbi. jghid li '*I see one guy jump to my..*' Jghid li '*He is from Lybia I know I saw him there he was living in that area too I think*'. Jghid li '*then they start like fighting back .. the back of the .. and then I was go there to separate them again. The back go down we start to separate the guy he was with knife*'. Jghid li '*The Lybian guy he was with knife and then he I said Said to come he came*'. Dwar l-akkuzat jghid li '*Said he came after three minutes two minutes three minutes he came to do I was doing to separate and he was separate the guy was with the knife trying to .. that guy with knife and then in Said hand*'. Jghid li l-vettura li kien qieghed isuq Said kienet blu. Mistoqsi ghala ma cempilx lil Pulizija dwar dan l-incident jghid li '*I was not thinking to call police because first one I was trying to separate the .. because I asked this man do you know this*

*guy to attack you? Because we are two persons you know that guy? Say don't know the guy. I was not that I did not go to police straight*' Spjega '*I was not thinking to call police. I was trying to separate to know what happen the man and this guy to attack this guy*'. Jghid li lill-akkuzat jafu minn wiccu u mistoqsi kif issa wara dawn is-snin kollha ddecieda li jitla jixhed wiegeb li '*Because I asked him after two .. I asked him I saw him and asked him what happened to you*'. Jghid '*What happened? He told me I'm in Court with the guy*'.

In kontro-ezami ikkonferma li kien miexi mal-'*co national Ankelet Kumbi*' u kkonferma li kien hemm persuna Libjana li avvicina l-habib tieghu. Jghid li '*I was not with attention to look the Lybian guy I saw him just jump when he came to my friend*'. Lil Said rah gej wara zewg minuti. Ra vettura blue jeep Mitsubishi u ra lil Said fil-vettura. Ma jafx jekk il-persuna Libiana giex mill-istess vettura. Meta ra lill-akkuzat l-ewwel darba, l-akkuzat kien fil-karozza u ma kien hemm hadd iehor fil-karozza. Ikkonferma li l-persuna Libjana kellu sikkina u mistoqsi jekk rahx iwegga lil xi hadd wiegeb li '*He take it I see the knife when he trying to choke my friend Said was inside there to separate..*' Jghid li '*He hit Said here in hand and the guy my friend I think get small I don't know but he get small injuries small.*' Ma jafx x'sar mis-sikkina wara dan. Mistoqsi jekk Said telaqx mill-area wiegeb *li* '*There was people came talking trying to know what happened and then Said leave me I leave to go with my friend I was trying to stop him to make him*'. Jghid li hu mar mal-habib tiegu Antlet Kumbi il-post tieghu u Said telaq bil-karozza izda l-persuna Libiana ma rahx jitlaq mal-akkuzat, ma regax rah lil Libyan, hu kemm ha lil habib tieghu.

Din il-Qorti sejra taghmel referenza ukoll ghx-xhieda ta' John Borg li tressaq sabiex jixhed mill-Prosekuzzjoni. Huwa xehed fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Lulju tas-sena elfejn u ghaxra (2010). Lill-imputat jafu ghax jghid li gieli fkien fil-pub u fil-hotel Karanne Hotel. Mistoqsi dwar it-tnejn (2) ta' Dicembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010) li din il-Qorti qieghda tifhem li s-sena kellha tkun is-sena elfejn u disgha (2009), spjega li '*Jiena dhalt il-kazin tal-labour ta' San Pawl hax kien hemm*

*wiehed John Mamo konna ha nixtru ziemel bi shab tat-tigrija...*' Jghid li '*imbghad dhalt hemm hekk, kien hemm mejda nies qed jixorbu u s-sinjur qalli inti mhux ser taghmel drink? Ghidtlu jiena filghodu ma nixrobx. Qalli ser titqamel, miljunarju, lanqas ser taghmel drink? U qisni inksirt u ghidtlu ghamillhom drink mela. Ghamel drink iehor hu u bdejna nixorbu.*' Jghid li '*Imbghad minn hemm minghalija li morna ghand Johnny's Bar hadna xi tnejn ohra*' Jghid li hadu l-alcohol, li '*Jiena kont fis-sakra, lanqas kont naf x'jien naghmel ghax l-ghada qalli tal-hanut stess jew piet ghada u rkibt mieghu*' b'referenza ghall-imputat. Jghid li l-imputat ghandu pajero bhal tieghu. Jghid li '*Imbghad jiena rqadt, la naf jekk hux wara jew quddiem. U daqshekk. U li naf li sibt ruhi l-lukanda filghodu rieqed. Daqshekk. Ma naf xejn iktar*'. Jghid li '*naf li xi mkien kienu waqqfuna pero tghidlix fejn. Naf li kienu waqqfuna ghax kien hemm xi road block jew habat xi hadd u kien hemm xi pulizija fit-triq. Il-bqija ma niftakkar xejn iktar.*' Mistoqsi jekk is-Sur Buslama xorobx wiegeb li '*Le le xorob kulhadd. Anke kien hemm xi Maltin ohrajn fil-kumpanija fil-kazin, xorbu wkoll. Kulhadd xorob*'.

L-Ewwel Qorti qieset li:

'*Ma jirrizultax l-imputat mar biex iferraq glieda kif jallega l-istess imputat fid-depozizzjoni tieghu. Dan qieghed jinghad wara li gie kkunsidrat dak kollu li nghad hawn fuq u minhabba li d- depozizzjoni ta' Anaclet Kumbi hija aktar cara u konsistenti minn dik moghtija mill-imputat, b'mod specjali, pero' mhux limitatament, meta fid-depozizzjoni tieghu Kumbi jghid li kien gharaf l-imputat bhala l-persuna li ghamillu l-qatghat go wiccu u li kellu s-sikkina f'idejh, li kellu d-dettalji ta' l-incident f'mohhu u ftakar anke l-kulur tal-vettura tal-Pajero tal-imputat. Apparti minn dan, fir-rigward taz-zewg xhieda pajzana mressqa mill-imputat, liema zewg xhieda xehdu li l-imputat mar biex iferraq il-glieda, bhala stat ta' fatt jinghad li dawn iz-zewg persuni tfaccaw wara li l-kawza kienet ilha tinstema' ghal diversi snin. Mill-okkorrenza redatta mill-Pulizija ma jirrizultawx. L-imputat seta' informa lill-Pulizija bl-ezistenza taghhom meta sar jaf*

*bihom u, fin-nuqqas ta' dan, u tenut kont tac- cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, inkluz dak li nghad aktar il-fuq f'din is-sentenza, il-Qorti mhijiex ser tikkunsidra bhala kredibbli d-depozizzjoni moghtija minnhom u dana b'mod specjali meta jigi kkunsidrat li filwaqt li meta Geoffrey Borg xehed li huwa qal li ra lill-imputat iferraq pero' meta in kontro-ezami gie mistoqsi jghid x'rah jaghmel ezatt qal: "Issa jien naf ezatt x'ghamel" (a fol. 245), x-xhud Paul Washimba qal li kien mixi ma' Kumbi, meta ma jirrizultax li Kumbi kien mixi ma' xi hadd, la mid-depozizzjoni ta' Kumbi u anqas mill-okkorrenza.'*

Din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti li x-xhieda tal-parti leza hija aktar kredibbli minn dik tal-imputat u x-xhieda mressqa in difeza. Din il-Qorti tissottolinea li huwa minnu li kien hemm diskrepanzi bejn dak li xehed il-parti leza quddiem l-Ewwel Qorti ghal dak li jirrizulta li l-parti leza rraportat lil Pulizija u dan kemm fosthom f'dak li jirrigwarda l-ammont misruq, jekk baqax jiftakar kif jidher it-tielet persuna, jekk niezlux tlett persuni mill-vettura, l-istatura tal-ewwel persuna li niezlet mill-vettur, il-mod ta' kif identifika lill-akkuzat lil Pulizija u cioe' jekk dan sarx billi lemah lil appellant diehel f'blokk ta'appartamenti jew jekk mill-vettura. Minkejja dan ma hemm l-ebda dubju li l-appellant kien involut f'dan l-incident, l-appellant ghazel li jiehu l-pedana tax-xhieda minkejja li ma kienx jinkombi fuqi li jipprova xi haga. Ikkonferma li kien it-tieni persuna li niezel mill-vettura b'dan li jghid li mar biex jferraq lil persuna Libjan minn mal-parti leza. Din il-Qorti kif gia inghad mhijiex sejra tikkonsidra l-istqarrija rilaxxata mill-akkuzat izda taghmel referenza ghal parti tax-xhieda tal-akkuzat fejn jghid li *'Wassaltu, u wara gejjin lura x-Xemxija waqqafni s-Surgent Ivan qalli int f'xi hin kont Triq hemmhekk? ghedtlu hemm noqghod jien qalli smajt xi haga x'gara ghax beda jghidli .. ghedtlu jien ma kelli xi nghid ma' hadd dik ma ridx nidhol fiha avolja ma urejtux idi x'gara u ma garax fhimt, ghedtlu jien ma kelli nghid ma' hadd.'* Din il-Qorti tistaqsi x'kienet ir-raguni li ma rraportax il-Pulizija dwar dak li kien gara, gialadarba ma kienx involut u kien biss qieghed iferraq u fejn skontu spicca ferut? Minkejja li l-akkuzat jghid li offra lil-Ispettur li jghinu jfittex lil Libjan u li skont l-akkuzat l-

Ispettur ma accettax, ma jirrizultax li l-akkuzat f'dawn is-snin kollha prova jghin lil Pulizija tant li minkejja li jghid li ra lil Libjan ghaddej bil-karozza, huwa ma ghaddiex in-numru ta' registrazzjoni lil Pulizija. Jekk verament niezel biex iferraq, ma taghmilx sens li jerga' jtella fil-vettura tieghu l-Libjan li skont l-appellant fera lil parti leza. F'kaz li kien kkoncernat bil-fatt li l-parti leza fi kliem l-appellant '*miskin*' kien ferut, kellu jara li jiehu hsieb lil ferut u mhux jitlaq minn fuq il-post mal-Gharbi u skont l-istess l-appellant imorru jiehdu x-Xampanja. Din il-Qorti ghalhekk ma tqis lill-akkuzat bhala kredibbli. Bhal kif lanqas ma tqis lix-xhieda in difeza bhala kredibbli tant li f'xi waqtiet lanqas jikkombaca ma dak li l-appellant xehed. Din il-Qorti ghalhekk tqis li l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment issib htija tal-ewwel (1) imputazzjoni u ma thoss li ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti izda din il-Qorti sejra issa tqis jekk giex ippruvat li l-griehi sofferti kienux ta' natura gravi. Dan l-ewwel aggravju qieghed jigi michud.

Ikkunsidrat;

Illi t-tieni aggravju u cioe' dak bl-ittra 'B' jirrigwarda l-ferita gravi. Skont l-appellant, lil hin minn dak li xehed Kumbi u min effettivament kien qieghed igorr sikkina u effettivament fera lil Kumbi, l-appellant jishaq li mhux kull ferita li tkun fil-wicc iggib mankament u/jew sfregju u konsegwentament mhux kull ferita li tkun fil-wicc ghandha tigi klassifikata bhala gravi. L-appellaant jaghmel referenza ghal gurisprudenza u ssottometta li jekk il-ferita ghalkemm tkun fil-wicc u jkollha bzonn xi punti, jekk l-istess ferita ma tibqax tidher minn distanza normali, mela allura tali ferita ma tistax titqies bhala ferita gravi. Jghid li l-ferita li setgha jikkonstata u ccertifika bhala gravi Dr Jurgen Gatt lanqas baqghu jidhru wara sebgha u ghoxrin (27) gurnata li tela jixhed Kumbi, ahseb u ara kemm kienu permanenti jew li hallew sfregju fuq il-wicc. Jghid li Kumbi lanqas baqa jiftakar f'liema parti ta' wiccu saru dawn il-feriti. Jissottometti li anke jekk baqghu

marka, kellu jigi pruvat li dawn jidhru minn distanza normali, liema prova ma tezistiex. Li l-Qorti fl-ebda punt fid-deposizzjoni tal-istess xhud ma kkonfermat li l-feriti kienu ghadhom qed jidhru izda qalet biss li '*Is-Sinjur ghadu qed juri widnejh u fuq ix-xoffa*'. Ghalhekk skont l-appellant l-feriti kienu ta' natura hafifa u mhux ta' natura gravi.

A fol 18 u mmarkat bhala Dok AP it-tabib Dr Jurgen Gatt iccertifika li fit-tnejn (2) ta' Dicembru tas-sena elfejn u disgha (2009) ezamina lil Kumbi Anaciel li kellu '*Laceration 2cm over cheek*' u '*Laceration to the L ear*'. Dawn iccertifikahom bhala gravi. Meta dan it-tabib tela jixhed fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Lulju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) ghalhekk huwa ma rreferiex ghal dan ic-certifikat, huwa rega kkonferma li '*certifikajt li kellha laceration ta' 2cm over the cheek u left ear*.' Jghid li '*Jien dawn dheruli li kienu grevious ghax jistghu ihallu marka permanenti fuq il-wicc*'. Mistoqsi '*Dawn il-feriti, biex setghu gew kkagunati?*' wiegeb li '*Fl-opinjoni tieghi kienet xi haga sharp avolja jiena mhux espert f'dawn l-affarijiet imma dik hi l-opinjoni medika tieghi*'. Onode Khalat Lecumbi li xehed fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Dicembru tas-sena elfejn u disgha (2009) mistoqsi '*Jista jghidli biex u fejn u kif ferewh*' wiegeb '*Bis-sikkina, hdejn imniehri u anke hdejn widnejja*'. Mistoqsi in kontro-ezami '*Nghid sew li inti ma kellek xejn fi mniehrek. Jekk nghidlek li mic-certifikat mediku hawn hekk, Dok AP u r-rapport qabel tal-pulizija kien Dok AP 1, li inti ma kellek xejn fuq imniehrek*' wiegeb '*Jiena kelli ferita hawn hekk u imbghad ohra hdejn il-widna*'. Mistoqsi '*Nghid sew li ma kellu xejn fi mniehru?*' wiegeb '*Taht imniehru qed juri mhux imniehru*'. Il-parti leza wiegeb '*L-imnieher le. Hawn hekk fejn qed nuri*'. Mistoqsi '*That imniehru fuq xuftejh jigi hemm hekk. Ir-rapport jghid li kellek 2 cm over cheek. U li kellek on the left ear hux hekk?*' Il-Qorti kkummentat li '*Is-sinjur ghadu qed juri widnejh u fuq ix-xoffa.*' Mistoqsi '*Mela meta qabel ghidtilna li kellek il-punti go mniehrek ma kienx sew, hux hekk?*' wiegeb '*JIena qatt ma ghidt go mniehri. Ghidt vicin ta' imniehri u imbghad widnejja*'.

Din il-Qorti sejra taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Rosanne DeBattista u Spettur Trevor Micallef) vs AMANDA ABELA (I.D.504877M)**[10]' fejn gie kkunsidrat li:

*'Illi qabel xejn il-Qorti thoss li huwa opportun li tiddeskrivi l-ferita li sofra Tony Curmi. Jinghad, skond ix-xhieda moghtija minn Dr. Edward Cherubino li ezamina lil dan Curmi ftit wara li sehh l-incident gewwa l- Emergenza tal-Isptar Mater Dei, li Curmi kien qed isofri minn qasma 'on the left side' fuq il-forehead u kellu bzonn tlett punti, kellu wkoll girfa fuq in- naha leminija ta' ghajnejh u kellu girfa fuq imniehru. Ikkonferma illi c-certifikat a fol. 6 huwa mahrug minnu fejn ikklasifika il-ferita bhala wahda ta' natura gravi. Illi pero' din il-Qorti marret pass oltre u nnominat eseprt fid-dermatologija u cioe' lil Dr. Eileen Borg fit-3 ta' Marzu 2015 u dana sabiex tezamina lil Anthony Curmi. Ikkonfermat li Anthony Curmi garrab ferita lacero-contusa fuq in-naha tax-xellug ta' mohhu ezatt mal-hair line. Spjegat "illi l-ferita li kellu Curmi fuq in-naha tax-xellug ta' mohhu, bilkemm kienet tidher ghax hija kulur normali tal-gilda. Hija f'forma ta' linja irqiqa u twila centimetru. Biex taraha trid tavvicina hafna lejha". Ghalhekk hija kklasifikat il-gerha li garrab Anthony Curmi bhala wahda ta' natura hafifa.*

*Illi ghalhekk bhala natura tal-ferita ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni u dan ghaliex skond l-espert tal-Qorti iddeskrievietha bhala wahda ta' natura hafifa. Issa jekk l-imputata kellhiex intenzjoni specifika sabiex tikkaguna ferita gravi u irrizultat f'ferita ta' natura hafifa l-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda li giet prodotta.'*

L-appellant ghamel ukoll referenza ghas-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija Spettur Jesmond Borg vs Clyde Bonavia'**[11] fejn gie kkunsidrat li:

*'Illi l-Qorti jidrilha li una volta li c-cikatrici in kwistjoni ma tidhirx minn talking distance ma jistghax jitqies li l-griehi sofferti minn Cassar jammontaw ghal sfreggju jew*

[10] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-27 ta' Gunju, 2017 (Kump. nRU.: 1365/2012)
[11] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-3 ta' Frar, 2011 (Numru: 13/2006)

*mankament fil-wicc kif indikat fl-Artikolu 216(1)(b) tal- Kodici Kriminali u wara li l-Qorti qieset li mix-xhieda tal- istess parti civili jirrizulta li wara li huwa mar jiddewwa daknhar stess tal-incident fejn sarulu zewg punti huwa ma hax aktar kura ghall-griehi minnu sofferti u l-ghada mar lura ghax-xoghol, jidrilha li l-griehi kagunati mill-imputat ghandhom jigu kkunsidrati bhala ta' natura hafifa u una volta li dawn il-griehi gew kagunati minn daqqa ta' ponn u una volta li l-istess griehi ma gewx kagunati fuq wahda mill-persuni ndikati fl-Artikolu 222(1)(a) u (b) tal-Kodici Kriminali u una volta li l-parti leza rrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfronti tal-imputat, il-procediment ser jigi dikjarat bhala ezawrit. In vista tal-fatt li l-procediment qed jigi dikjarat bhala ezawrit in kwantu jirrigwarda l-ewwel akkuza u ghalhekk mhux qed tinstab htija il-Qorti sejra wkoll tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni(2) u tat-tielet(3) akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat.'*

L-appellant fl-appell tieghu jaghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Ramon Mercieca) vs Saviour Sammut'**[12] fejn inghad li:

*'Il-prosekuzzjoni resqet bhala xhud lil Dr Mario Scerri li kien xhud li ezamina lill-kwerelanti. Dan spjega li s-Sur Psaila kellu bzonn punt fuq il-bridge ta' imniehru u ghalhekk il-ferita setghet kienet gravi pero' meta xehed il-Qorti jghid li minn distanza normali din baqghet tidher minimament ghalkemm iklassifika il-ferita bhala gravi.*

*Din il-Qorti ma kintix f'posizzjoni li tara l-ferita tal-kwerelant meta ezaminaha Dr Scerri u ghalhekk trid toqghod biss fuq dak li qal Dr Scerri. Jinghad ukoll li Dr Owen Agius li ukoll ezamina lil Joseph Psaila ukoll ikklasifika l-ferita li kellu Psaila fuq imniehru bhal ta' natura gravi ghaliex kellha bzonn punt. Jinghad li ghalkemm il-fatt li ferita jkollha bzonn punt mhiex fattur sabiex jigi stabbilit jekk il- ferita hiex gravi jew le jinghad li jekk ikun hemm sfegju fil-wicc u fuq l- imnieher huwa parti mill-wicc dak jikkostitwixxi ferita gravi u f'dan il-kaz stante dak li qal Dr Scerri li l-ferita tidher minn distanza normali allura m'hemmx dubju li l-ferita hija wahda gravi.'*

[12] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-15 ta' Settembru, 2014 (Numru: 1302/2010)

Fil-kawza odjerna dak li jirrizulta mill-atti huwa li Dr Jurgen Gatt iccertifika l-feriti bhala gravi. Jirrizulta li apparti l-indikazzjoni fic-certifikat u fix-xhieda tieghu ta' lacerazzjoni fuq il-widna tax-xellug, gie indikat ukoll li kien hemm laceration '*over the cheek*' ghalkemm kif inghad il-punti li jidhru fir-ritratti esebiti fl-envelop a fol 22 jidhru mal-widna u aktar 'l isfel mill-imnieher jigifieri ftit il-fuq mix-xoffa izda mhux fuq il-haddejn. L-Ispettur Anthony Portelli xehed ukoll fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Frar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) li '*Lil dan il-persuna rajtu, kien qed jistrieh fuq wheel chair. Introducejt ruhi u hu qalli min kien u stajt naralu l-feriti f'widnejh u kif wkoll kellu qasma that imniehru li jidhru li kienu b'xi sikkina jew kienu b'xi arma bil-ponta.*' Ghalhekk ma hemmx dubju li l-parti leza soffriet griehi. Din il-Qorti ma tistax tistrieh fuq ritratti li din il-Qorti qieghda tifhem li ttiehdu l-ghada sabiex jigi determinat jekk il-feriti humiex permanenti u li ghalhekk ta' natura gravi. Dr Jurgen Ronald Gatt fix-xhieda tieghu jghid li dehrlu li kienu gravi ghax jistghu ihallu marka permanenti fuq il-wicc.

Minkejja li din il-kawza ilha ghaddejja snin twal, il-prosekuzzjoni ma talbitx sabiex jitqabbad espert sabiex jigi ezaminat l-parti leza sabiex jigi determinat jekk il-feriti kienux ta' natura permanenti. Din il-Qorti lanqas ma semghet lil parti leza jixhed jigifieri ma tistax tikkonstata jekk dawn il-feriti kienu vizibli minn '*talking distance*'.

L-offiza hija kkunsidrata bhala gravi skont l-artikolu 216(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta '*jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;*'. Din il-Qorti tqis li minkejja li t-tabib li invista lil parti leza dakinhar tal-incident iccertifika l-feriti bhala gravi fi kliemu '*Jien dawn dheruli li kienu grevious ghax **jistghu** ihallu marka permanenti fuq il-wicc*', il-possibilta' li marka tista' tkun permanenti ma hijiex bizzejjed fil-kamp penali. Il-Prosekuzzjoni ghalhekk naqset milli tipprova li l-feriti kienu ta' natura permanenti. Din il-Qorti sejra tilqa' dan l-aggravju limitatament ghar-ragunijiet indikati minn din il-Qorti

u tqis il-feriti sofferti bhala hfief. Din il-Qorti izda taghmilha cara li ma taqbilx mal-appellant fejn jghid li l-parti leza lanqas ma baqa jiftakar f'liema parti ta' wiccu kellu l-feriti. Din il-Qorti tissottolinea ukoll li ghalkemm l-Avukat Generali fin-nota tieghu ma ndikax l-artikolu 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' l-artikolu koncernanti l-offiza hafifa fuq il-persuna, gialadarba l-Avukat Generali indika l-artikoli 214, 216(1)(b) u 217 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti tista' xorta wahda ssib htija tar-reat minuri taht l-artikolu 221(1) u 221(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat;

It-tielet aggravju u cioe' dak bl-ittra 'C' jirrigwarda l-pussess, zamma u garr ta' arma regolari. Apparti r-referenza ghal dak li l-appellant issottometta fl-ewwel aggravju u cioe' dak bl-ittra 'A' dwar il-kredibilita' ta' Kumbi, jissottometti ukoll li fix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur Anthony Portelli li fuq il-pedana tax-xhieda nhar l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Frar ikkonferma li meta saret tfittxija fuq l-persuna kif ukoll fir-residenza tal-appellant, tali sikkina li allegatament intuzat fl-aggressjoni u deskritta minn Kumbi bhala '*b'manku blu b'sinjal gold*' ma nstabet l-ebda sikkina simili. Jissottometti li ma saret l-ebda tfittxija fir-residenza tal-agressuri l-ohrajn, jghid li torbot man-nuqqas ta' kredibilita' ta' Kumbi u jsahhah il-verzjoni moghtija mill-appellant li mhux hu kien qieghed jaghmel uzu minn sikkina izda l-aggressur l-iehor. Jaghmel referenza ghal fatt li meta gie biex jiehu l-fingerprints u l-palm prints tal-appellant ma setghax jaghmel dan ghax kien prova jnehhi s-sikkina in kwistjoni sabiex din ma tintuzax minn Kumbi u mill-aggressur tieghu sabiex ma jweggax lil xulxin u li ura l-marka lill-Ewwel Qorti.

Ghalkemm is-sikkina in kwistjoni ma nstabitx ghand l-appellant, gie ippruvat li l-parti leza kien gie ferut b'sikkina u li kien identifika lill-appellant bhala dak li ferieh bis-sikkina. Ghalhekk gustament l-Ewwel Qorti sabet htija tar-raba' (4)

imputazzjoni rigwardanti li kellu fuq il-persuna tieghu arma regolari cioe' strumenti li jaqta u u bil-ponta u cioe' sikkina u anke tal-hames (5) imptazzjoni u cioe' li zamm u garr strument li jaqta u bil-ponta (sikkina) minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija. Dan it-tielet aggravju u cioe' bl-ittra 'C' qieghed jigi michud.

Ikkunsidrat;

Illi r-raba' (4) aggravju u cioe' bl-ittra 'D' jirrigwarda l-piena inflitta. Dwar il-ksur ta' provediment ta' sentenza sospiza ossia s-seba' (7) imputazzjoni. L-appellant jissottometti li ghalkemm huwa maqbul u mhux ikkontestat li nhar il-hdax (11) ta' Mejju tas-sena elejn u sebgha (2007) l-appellant instab hati u gie moghti sentenza ta' tlett (3) xhur prigunerija sospiza ghal tliet (3) snin, madankollu ma giex ippruvat li tali gudizzju jikkostitwixxi res judicata u li l-appellant ma ntavolax appell minn tali gudizzju. Skont l-appellant l-oneru tal-prova huwa fuq il-prosekuzzjoni u effettivament kien jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni li jtella' lir-Registratur tal-Qorti sabiex jikkonferma bil-gurament tieghu illi tali gudizzju jikkostitwixxi res judicata u li effettivament l-appellant ma ntavola l-ebda appell minn tali gudizzju, stante li tali prova baqghet ma ngabetx, l-appellant ma setgha qatt jinstab hati ta' din l-imputazzjoni. Is-sottomissjonijiet imqajma f'din il-parti tal-aggravju ma tqajjimx quddiem l-Ewwel Qorti, tant li b'harsa lejn in-nota ta' sottomissjonijiet tal-appellant prezentata quddiem l-Ewwel Qorti l-appellant ma ressaq l-ebda sottomissjoni dwar possibilta' ta' appell mis-sentenza sospiza izda bbaza s-sottomissjoni tieghu fuq is-subartikolu 2 tal-artikolu 28B tal-Kodici Kriminali.

A fol 93 giet esebita mill-Ispettur Anthony Portelli sentenza moghtija fil-hdax (11) ta' Mejju tas-sena elfejn u sebgha (2007) mill-Magistrat Dottor Saviour Demicoli fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kontra l-imputat fejn gie kkundannat piena ta' LM25 ammenda u wara li rat l-

artikoli 28A u 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, dik il-Qorti kienet ikkundannat lill-imputat Said Bouslama ghal piena ta' tlett (3) xhur prigunerija u ordnat li din is-sentenza in kwantu ghal piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum, l-imputat jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija. Il-Qorti kienet ukoll b'applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta rabtet lill-imputat Said Bouslama b'obbligazzjoni personali ta' LM100 biex izomm il-kwiet ma' Alfred Attard u Alfred Testa u li jzomm bon ordni pubbliku ma kulhadd ghal zmien sena.

L-artikolu 28B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

'*Meta persuna tinstab ħatja ta' reat li għalih hemm piena ta' priġunerija, li jkun sar matul il-perijodu operattiv ta'sentenza sospiża, u jew tkun hekk instabet ħatja minn jew quddiem qorti kompetenti skont l-artikolu 28C li tittratta magħha għar-rigward tas-sentenza sospiża, jew sussegwentement tidher jew tinġieb quddiem dik il-qorti, f'dak il-każ, ħlief jekk is-sentenza tkun diġà bdiet isseħħ, dik il-qorti għandha tordna li s-sentenza sospiża għandha tibda isseħħ.*'

Din il-Qorti tqis li gie ppruvat li dik is-sentenza inghatat fil-konfront tal-appellant, f'kaz li gie intavolat appell minn dik is-sentenza u l-appell ikun gie deciz, dan ikun jirrizulta mill-fedina penali filwaqt li jekk l-appell ikun ghadu pendenti, ma jkunx jirrizulta mill-fedina penali jekk ikun hemm appell pendenti. Din il-Qorti tqis li ma huwiex bizzejjed li tigi pprezentata sentenza, ghandu jigi kkonfermat bil-gurament li ma kienx hemm appell minn dik is-sentenza, u dan jew tramite l-Ufficjal Prosekutur li jikkonferma bil-gurament li s-sentenza hija res judicata jew billi jitla' r-Registratur jikkonferma li ma giex intavolat appell minn dik is-sentenza u li ghalhekk hija res judicata. Din il-Qorti tqis li bis-semplici prezentata tas-sentenza mill-Ispettur Anthony Portelli waqt ix-xhieda tieghu, ma giex ippruvat li dik is-sentenza kienet res judicata. Din il-Qorti sejra ghalhekk

tirrevoka fejn l-Ewwel Qorti sabet htija tas-seba' imputazzjoni u fejn ordnat li l-piena ta' tlett (3) xhur prigunerija moghtija f'dik is-sentenza jigu skontati.

L-appellant ma jirrizultax li appella minn fejn il-Qorti iddeciediet li l-appellant irrenda ruhu receidiv *ai termini* tal-artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti qieghda ghalhekk tikkonferma fejn l-Ewwel Qorti ikkunsidrat lill-akkuzat bhala recidiv biss *ai termini* tal-artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta rigwardanti is-sentenza datata t-tnejn (2) ta' April tas-sena elfejn u tmienja (2008) deciza mill-Magistrat Dr Audrey Demicoli fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali stante li ma jirrizultax jekk il-multa imposta f'dik is-sentenza gietx imhallsa, liema sentenza tinsab a fol 135 et sequtur. Din il-Qorti izda tikkjarifika li qieghda tikkunsidra lill-appellant bhala recidiv *ai termini* tal-artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta limitatament rigward is-sentenza hawn indikata u cioe' dik li tinsab a fol 135 et sequitur u mhux titratta mal-appellant bhala recidiv bis-sentenza li tinsab a fol 93 et sequitur stante li l-Prosekuzzjoni fic-citazzjoni talbet li l-Qorti titratta lil imputat bhala reciediv b'sentenza datata t-tnejn (2) ta' April tas-sena elfejn u tmienja (2008) u ma ndikatx sentenza ohra f'dik it-talba.

Ikkunsidrat;

L-appellant jaghmel sottomissjonijiet dwar it-trapass ta' zmien u li jhoss li l-piena kumplessiva ta' tnax (12)-il xahar prigunerija hekk inflitta fuqu mill-Ewwel Qorti hija harxa wisq. L-incident sehh fl-elfejn u disgha (2009) u l-proceduri ntemmu fis-sittax (16) ta' Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019)[13]. Jissottometti li huwa qatt ma xellef difrejh mal-gustizzja mill-elfejn u disgha (2009) sal-gurnata tal-lum.

[13] Quddiem l-Ewwel Qorti.

Minkejja li l-appellant jghid li ma xellefx difrejh mal-gustizzja mill-elfejn u disgha (2009), il-fedina penali aggornata tghid mod iehor. Filfatt jirrizulta li kellu numru ta' kundanni ghal reati kommessi wara l-elfejn u disgha (2009). Din il-Qorti izda ma tistax ma tiddeplorax il-fatt li l-incident mertu ta' din il-kawza sehh aktar minn ghaxar (10) snin ilu bl-akbar dewmien ikun il-perjodu ta' bejn is-sena elfejn u tnax (2012) sas-sena elfejn u hmistax (2015) fejn prattikament ma sar l-ebda progress f'din il-kawza u dan ghal diversi ragunijiet skont dak li jirrizulta mill-verbali, fosthom li ma deher hadd mill-partijiet, ma kienx hemm riferta pozittiva tal-imputat, li l-imputat ma nstabx, li l-imputat kellu incident awtomobilistiku u anke li kien hemm bdil fil-Magistrat li ppreseda l-Ewwel Qorti.

Stante li din il-Qorti qieghda ssib htija ta' offiza hafifa u mhux gravi, liema offiza sehhet permezz ta' arma bil-ponta u cioe' sikkina, din il-Qorti sejra tvarja l-piena imposta mill-Ewwel Qorti. Din il-Qorti sejra tapplika l-piena li kienet fis-sehh meta sehh l-incident skont l-artikolu 221(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Kif gia inghad din il-Qorti qieghda anke tikkonferma fejn l-appellant instab hati tar-reati rigwardanti l-arma in kwistjoni. Din il-Qorti sejra ghalhekk tikkundanna lill-appellant erba' (4) xhur prigunerija minflokk disa' (9) xhur prigunerija kif ikkundannat l-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' limitatment l-appell billi tikkonferma fejn l-Ewwel Qorti ma sabitx htija tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjonijiet u fejn astjeniet milli tiehu konjizzjoni tas-sitt (6) imputazzjoni, u filwaqt li tikkonferma l-htija tar-raba' (4) u l-hames (5) imputazzjonijiet kif ukoll talli rrenda ruhu recidiv *ai termini* tal-artkolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta limitatament b'sentenza tat-tnejn (2) ta' April tas-sena elfejn u tmienja (2008)[14] izda mhux bis-sentenza tal-hdax (11) ta' Mejju tas-

[14] Li tinsab a fol 135 et sequitur.

sena elfejn u sebgha (2007)[15], tikkonferma ukoll fejn il-Qorti sabet htija tal-ewwel (1) imputazzjoni izda tirrevoka fejn sabet lill-appellant hati li kkaguna ferita gravi izda ssibu hati li kkaguna ferita hafifa fuq il-persuna ta' Anaclet Kumbi, tirrevoka fejn sabet htija tas-seba' (7) imputazzjoni u fejn ghalhekk gabet fis-sehh sentenza ta' tlett (3) xhur prigunerija. Din il-Qorti filwaqt li tikkonferma l-kundanna ghal hlas ta' multa ta' mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47), tirrevoka fejn ikkundannat lil appellant ghal perjodu ta' disa' (9) xhur prigunerija u fejn gabet fis-sehh sentenza ta' tlett (3) xhur prigunerija[16] u ghalhekk tirrevoka fejn ikkundannat lill-appellant ghal perjodu globali ta' tnax (12)-il xahar prigunerija u minflokk tikkundanna lill-appellant ghal perjodu ta' erba' (4) xhur prigunerija, li minnhom irid jitnaqqas il-perjodu li l-appellant kien taht arrest preventiv relatat ma dawn il-proceduri.

**Din il-Qorti tikkonferma fejn l-Ewwel Qorti stante li fir-rigward ta' dak li xehdu Geoffrey Borg u Paul Washimba setghu rrendew lilhom infushom hatja ta' spergur fi proceduri kriminali, ordnat lil Kummissarju tal-Pulizija sabiex jaghmel l-investigazzjonijiet opportuni u fl-eventwali li jirrizultawlu provi sufficjenti jiehu dawk il-proceduri ulterjuri kontra Geoffrey Borg u Paul Washimba.**

**<u>Ghalhekk din il-Qorti tordna li din is-sentenza tigi notifikata lil Kummissarju tal-Pulizija u lil Avukat Generali.</u>**

(ft) Consuelo Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA
Franklin Calleja
Deputat Registratur

---

[15] Li tinsab a fol 93 et sequitur.
[16] Li tinsab a fol 93 et sequitur.